**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Maġ. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 925/2013*

**Il-Pulizija**
**(Assistant Kummisarju Ian J. Abdilla)**

**-vs-**

**Nazareno Vassallo, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 19452M**

Illum 9 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Nazareno Vassallo u ċioe' talli:

Personalment, u/jew fil-kapacita` tiegħu ta' direttur, azzjonista jew ufficjal tal-kumpanija Vassallo Builders Limited, f'Awwissu, 2013, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi u li gew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

a. Fi proceduri civili jew kriminali gieghel li jsir, jew xjentament gab, dokument falz;

b. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi.
    i. Taha xhieda falza f'materja civili;
    ii. Kif ukoll, talli bħala parti f'kawża civili, halef il-falz;

iii. Kif ukoll, talli għamel affidavit falz kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien mehtieg jew maħsub ghal proceduri civili f'Malta;

c. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, f'kull każ iehor mhux msemmi fl-artikoli ta qabel l-Artikolu 108 ta l-istess sub-titolu tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, halef il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu setgha b'ligi li jaghti gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza filwaqt li rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-parte civile[1] li fuqha strahet il-prosekuzzjoni.[2]

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza nbdiet f'April, 2014, u giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. L-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Frar, 2016,[3] wara assenjazzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili moqri flimkien mal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat-

[1] Fol.1239 et seq.
[2] Fol.1247
[3] Fol.480

L-ufficjal investigattiv **Ian Abdilla** xehed kif il-pulizija sarilha rapport minn certu Joe Vella, fil-kapacita tieghu ta' *Managing Director* tal-kumpanija Avantgarde Holdings Ltd. (aktar il-quddiem imsejjha Avantgarde), rigward Vassallo Builders fejn sar maghruf li Avantgarde u Vassallo Builders kellhom kawza civili pendenti li kienet bdiet tinstema' quddiem il-perit nominat mill-Qorti. Din il-kawza kkoncernat bilanc ta' madwar mitejn u tmint elef Euro li l-kumpannija Avantgarde qalet li kellha tiehu minghand Vassallo Builders ghall-xogholijiet fil-kumpless Prince of Wales Residence gewwa tas-Sliema. Ix-xhud kompla jispjega li Avantgarde tqabbad biex jaghmel xoghol ta' madum u affarijiet ohra relatati.[4] Filwaqt li Avantgarde sostniet li dan il-bilanc kien dovut, Vassallo Builders sahaq li dawn il-flus inzammu bhala penali ghall-dewmien li kien hemm fix-xoghol u anki minhabba *bad workmanship* da parti ta' Avantgarde. Il-kwerela li wasslet ghal dawn l-akkuzi saret fil-kors tal-kawza civili fi zmien meta, skond il-kwerelant, gew prezentati dokumenti li kienu ffalsifikati mill-kumpannija Vassallo Builders li ghaliha kien qed jidher is-Sur Nazzareno Vassallo. Vella sostna li d-dokumenti li originarjament intbghatu lilu minn Vassallo Builders kienu qed jghidu mod iehor u li dawn id-dokumenti kienu ppregudikaw lill-kumpannija tieghu. L-ispettur Abdilla spjega li kien kellem lis-Sur Joe Vella u dan spjegalu fid-dettall dawn id-dokumenti kif ukoll tah rendikont dwar kif zvolgew il-proceduri civili, fejn Vella sostna li kienet inghatat xhieda falza minn Vassallo quddiem l-espert nominat mill-Qorti.[5] Wara li Abdilla ezamina d-dokumenti kien ha stqarrija tal-imputat[6] li kien spjegalu li l-ammont ta' flus kienu ma thallsux lil Vella propju minhabba *bad*

[4] Fol.18
[5] Fol.19
[6] **DoK IA1** a fol.21

*workmanship*. Rigward id-dokumenti allegatament iffalsifikati Abdilla jixhed li l-imputat baqa' jinsisti li hu ma ffalsifika l-ebda dokument.[7]

In kontro-ezami kkonferma li tul l-investigazzjoni hu ma kienx tkellem la ma' Jonathan Buttigieg, il-persuna inkarigata mid-*day to day* operations, u lanqas ma' Alex Tranter, is-CEO li kien involut fuq ix-xoghlijiet li kienu qed isiru.[8] L-ispettur Abdilla ikkonferma li kien ircieva talba minghand Dr. Aldo Vella fejn il-pulizija intalbet  tinvestiga lill-kwerelant ghall-kalunnja fil-konfront tal-imputat.[9]

**Joseph Vella** xehed illi huwa ghandu kumpanija jisimha Avantgarde Holdings Ltd. li tbiegh madum u rħam. Sar jaf lill-imputat f'Mejju tas-sena 2005.  Bejn Frar u Marzu, 2005, kienet marret tkellmu Christine Fenech ta' Architecture Projects, imbaghad kienu marru wkoll Gillian Mahoney u Alex Tranter li ghazlu xi affarijiet ghal *sample rooms* li kienu saru go Prince of Wales Residence f' Tas-Sliema[10]. Sussegwentement Alex Tranter, CEO ta' Care Malta, qallu li kienu nsew jgħidulu biex jippartecipa f'*tender* u staqsieh riedx jippartecipa fejn bghatu ghand Vassallo Builders sabiex il-Perit Ivan Pace itieh kopja tal-*bill of quantity*. Hekk ghamel u gie nfurmat li kellhu sal-20 ta' Mejju, 2005, sabiex jaghmel l-offerta tiehu ghand Care Malta go Villa Messina, r-Rabat, u hekk ghamel.[11] Xi zmien wara Tranter infurmah li l-prezzijiet tiegħu ntghogbu u li kellu jiltaqa' mal-imputat. Meta ltaqa' mal-imputat dan talbu ghal *discount* minhabba li kien inghata prezzijiet irhas. Xi zmien wara ntlahaq ftehim u gie ffirmat il-kuntratt. Wara li kien gab *sample* ta' dak mitlub minn Vassallo

[7] Fol.20
[8] Fol.1038
[9] Fol.1039. Vide kwerela a fol.1051 u reminder a fol.1050; **Dok. STL**
[10] Fol.427-428
[11] Fol.428

Builders mic-Cina, Tranter infurmah li seta' jibda x-xoghol.[12] Ix-xogħol kien jikkonsisti fit-tpoġġija ta' circa 60 kamra tal-banju, l-art ta' Prince of Wales kollha, filwaqt li kellu jissuplixxi l-madum u l-kmamar tal-banju.[13] Avantgarde fethet kawza civili kontra Vassallo Builders Ltd. ghall-bilanc ta' €207,000 jew €208,000 peress li Vassallo kien qed joggezzjona li jhallsu minhabba xogħol ħazin.[14] Spjega kif kull nhar ta' Tnejn kien isir *site meeting* jew *progress meeting* li ghall-bidu kienet tkun *chaired* minn Alex Tranter u sussegwentement minn Zaren Vassallo. Minn naha ta' Vassallo Builders kienu jattendu ghal dawn il-meetings Tranter u Gillian Mahoney, *contractors* u *sub-contractors* fosthom huwa stess, kif ukoll Steve Azzopardi il-*project manager* u l-Perit Ivan Pace.[15] Kienu jinżammu l-minuti u kienu jitqassmu sal-Gimgha ta' wara minn Gillian Mahoney b' *e-mail*.[16]

Vella kompla kif fl-1 ta' Lulju, 2010, saret seduta l-Qorti quddiem il-Perit nominat mill-Qorti biex jisma' x-xhieda. Dak iz-zmien kien hemm diga *affidavits* ta' Zaren Vassallo u Steve Azzopardi fejn dawn bbazzaw l-argumenti taghhom fuq minuti li pprezentaw mall-*affidavits* taghhom.[17] Kien innota li f'wiehed mid-dokumenti li pprezenta Zaren Vassallo, **Dok.NVO7**,[18] ma kienx hemm pagna li kienet turi li kien hemm xoghol tal-kostruzzjoni li kien ghadu ma tlestiex. Gie osservat ukoll li kien hemm ordni specifika rrekordjata f'din il-minuta illi tghid li x-xhud seta' jibda t-tali kmamar l-ghada, *"jigifieri din giet irrekordjata fit-3 t'Ottubru tal-2005 u qed tghid li dawk il- kmamar jiena nista nibdihom l'ghada."* [19] Ix-xhud kompla li fis-seduta msemmija gie sospiz il-kontro-ezami ta' Steve

[12] Fol.429
[13] Fol.430
[14] Fol.431
[15] Fol.432
[16] Fol.433
[17] Fol.434
[18] Fol.164- 167 li tinsab a fol.437 sa 440 tal-proceduri civili
[19] Fol.434

Azzopardi sabiex fis-seduta li jmiss kellha tigi esebita mill-avukat tas-socjeta` konvenuta pagna ohra mill-minuti tal-*progress meetings* tat-3 t'Ottubru, 2005, u cioe` Minute 1175 sa 1189. Nhar id-19 ta' Novembru, 2010, l-avukat tas-socjeta attrici kien ippreżenta nota tal-minuti datati 3 t'Ottubru, 2005, bin numru 1175/2005 fejn dan id-dokument gie mmarkat bhala **Dok JZM1** u l-istess avukat kien gibed l-attenzjoni illi dik il-minuta kienet differenti mil-istess minuta ezebita mis-socjeta konvenuta ghaliex din tal-ahhar kellha iggib in numru 123/2005 [*recte*: 1233].[20] Jghid li meta s-socjeta` konvenuta pprezentat kopja tal-minuta 1175 din kienet diga` giet preżentata minnhom permezz ta' Dr. Aldo Vella dak in-nhar tas-seduta tal-4 t' Ottubru, 2010.[21] **Id-differenza bejn il-minuta 1175 ippreżentata mis-socjeta` konvenuta (Vassallo Builders)[22] u l-minuta 1175 pprezentata mis-socjeta` attrici (Avantgarde Holdings Ltd) kienet dovuta ghall-fatt li fil-minuta prezentata mis-socjeta` konvenuta l-parti fejn kien qed jinghad illi x xhud seta jibda ix-xoghol l-ghada tat-3 t'Ottubru kienet nieqsa, *"Sparixxiet fis-set illi pprezenta Vassallo Builders. Dik sparixxiet."*.**[23] Ix xhud zied li l-minuta li giet ippreżentata mis-socjeta` konvenuta bin-numru 1175 fir-realta` kienet minuta oħra li ittieħdet wara l-meeting tal-10 t' Ottubru, 2005, liema minuta ggib in-numru 1233.[24]

Izid li mal-affidavit tieghu l-Perit Ivan Pace kien annetta dokument, **Dok.IP16,**[25] fejn fit-tielet pagna tieghu hemm il-minuta 1175 liema minuta kienet taqbel perfettament mal-minuta 1175 eżebita minnu w li sussegwentament l-istess Perit Pace kien ikkonfermaha fil-kontro-ezami li kien

[20] Fol.436-437
[21] Fol.438
[22] Fol. 245-246; fol. 613-614 tal-atti civili
[23] Fol.439-440
[24] Fol.439
[25] Fol.736 sa 738 tal-atti civili.

sarlu.[26] Semma kif wara li kien gie sospiz il-kontro-ezami ta' Steve Azzopardi dan reġa xehed nhar il-25 ta' Frar u, mistoqsi[27] dwar il-minuta 1175, qal li fil-kopja moghtija lilu minn Vassallo Builders, il-minuta 1175 ma tidhirx.[28] Vella ddeskriva[29] kif, meta l-imputat fil-proceduri civili xehed in kontro-ezami u gie mistqosi dwar dak li kellu xi jghid dwar il-minuta bin numru 1175, l-imputat kien irrisponda li hu ma kellux kopja.[30] Skond Vella dan ma setghax ikun peress li tali minuta kienet giet ippreżentata mis-socjeta` konvenuta stess nhar l-4 t'Ottubru, 2010, filwaqt li giet ippreżentata mis-socjeta` attrici nhar id-19 ta' Novembru.[31] Ix-xhud jghid ukoll illi meta l-imputat kien rega' xehed fil-proceduri civili nhar it-28 ta' Settembru, 2012,[32] mistoqsi dwar il-minuta 1175, kien wiegeb li l-minuta 1175 huwa ma kellhux u li ix-xhud kellu jghaddilu kopja f'seduta ohra.[33] Hekk kif beda jara dawn id-diskrepanzi ghamel rapport lill-Pulizija.[34] Wara digriet moghti mill-Imhallef Zammit McKeon fl-14 ta' Marzu, 2013,[35] fl-4 t'April, 2013, pprezentaw kopja tal-minuta hekk kif sottomessa minn Vassallo fl-4 t'Ottubru, 2010,[36] u fit-8 t'April, 2013, dik fil-verzjoni originali pprezentata minn Avantgarde fid-19 ta' Novembru, 2010.[37] Tenut kont ta' dawn id-diskrepanzi nhar it-23 t'April, 2013, il-partijiet issejjhu biex jaghtu spjegazzjoni lill-Prim Awla ghal dan.[38] Dakinhar xehed Jonathan Buttigieg[39] minn Vassallo Builders li pprezenta skambju ta *emails* li kien sar bejn

---

[26] Domanda 48 a fol.778 tal-atti civili.
[27] Fol.660-661 tal-atti civili
[28] Fol.444
[29] Fol.445-450
[30] Fol.875 tal-atti civili
[31] Fol.445
[32] Fol.883 tal-atti civili
[33] Fol.446
[34] Fol.447
[35] Fol.148 tal-atti civili
[36] Fol.149-150 tal-atti civili
[37] Fol.450; A fol. 151-152 tal-atti civili
[38] Fol.153-154 tal-atti civili
[39] Fol.153-170 tal-atti civili

Naomi Zarb u Stephen Azzopardi fejn semma' li kien hemm xi emenda tal-minuta 1175; is-suggett tal-email kien *SH Progress Meetings 3/10* ghalkemm ix-xhud kategorikament jichad li kienet qatt saret xi emenda u dwar dan preżenta lista ta' emendi illi jinsabu fl-atti tal-process civili.[40] Ix xhud jghid illi din Naomi Zarb kienet zammet il-minuti darba biss u cioe` fl-10 t'Ottubru, 2005.[41]

Riprodott Vella kompla jghid li fl-*email* datata 15 ta' Ottubru, 2005, Stephen Azzopardi jghid il-kliem *"kindly find amendments to last Monday's meeting"* u ghalhekk tali emendi kellhom jirreferu ghal meeting tal-10 t'Ottubru, 2005, u mhux dak tat-3 t'Ottubru. Ix xhud jispjega illi l-minuta l-1175 tirrigwarda d-data ta' meta parti minn kull sular 08, jigifieri 108, 208, 308, setghu isiru, u dan minħabba l-fatt li skond il-*programme of works* li pprezentat Vassallo Builders, ix- xoghol ta' kostruzzjoni kellhu jitlesta fil-bidu t'Awwissu meta kellu jzarma t-*tower crane.* Madanakollu minute 1175 tispecifika li Vella seta' jibda' dawn il-kmamar l-ghada ghar-raguni li t-*tower crane* kien izzarma xi granet qabel. Dan kien ifisser li minn fejn kien tiela' t-*tower crane* kellhom jinghalqu s-soqfa u mas-saqaf ta' din il-kamra ssir l-art tal-kamra ta' fuqha. Ghalhekk ix-xhud ma setghax ipoggi madum jekk ma kienx hemm art, u dik il-minuta turi li kien hemm *delay* ta' xi xahrejn minn naha ta' Vassallo Builders.[42]

Riprodott ghall-darb'ohra, issa quddiem il-qorti kif preseduta, l-kwerelant rega' taha r-retroxena li wasslet sabiex jaghmel il-kwerela li evolviet f'dawn il-proceduri:*"Hawnhekk hawn il-minuti kif gew ipprezentati minn, mis-sur Vassallo meta gie mitlub jew ippromettew ruhhom insomma li jipprezentaw kopja shiha tal-minuti fejn insibu illi l-pagna li turi l-1175, din il-minuta partikolari giet imbghabsa….*

[40] Fol.584, 611 u 619 tal-atti civili
[41] Fol.452
[42] Fol.470

*l-affidavit ta' Vassallo, ta' Zaren Vassallo ma fihx hlief zewg pagni mill-minuti tat-3rd October, 2005. Ta' Steve Azzopardi l-istess. Ma fihx iktar minn zewg pagni. Ahna l-pagni li tinteressana qeghda fuq pagna tlieta. Pagna tlieta tidher fl-affidavit tal-Perit Ivan Pace, Dokument IP16….[minute 1175 kienet nieqsa]… Missing. …… ghalina ghax dik il-minuta tirrekordja li ghandna dik id-data partikolari ma stajtx nibda x-xoghol f'dawn il-kmamar. Ghadek trid tibnihom. Nehhejt it-tower crane, ghadek trid tibnihom. ….. U rrejalizzajt li l-1175 hija torbot kollox mal-penali li wehilt.".*[43] Ghalhekk **jirrizulta li fil-minuta originali – Dok.JV2 pprezentata minn Pace mal-affidavit[44]- u dik ipprezentata minn Vassallo Builders, hemm nieqsin il-kliem *""JV may commence works on rules OM O8 by tomorrow".*** Vella jattribwixxi in-nuqqas ta' din is-sentenza *"ghaliex probabbilment xi hadd kellu l-interessi li jahbi d-data…. Jien li tfisser li jekk jiena kelli kuntratt fejn jiena suppost hrigt fil-31 t'Awwissu ghaliex il-programm tal-klijent kien juri li fl-ewwel gimgha t'Awwissu kellu jitlesta l-kostruzzjoni, jizzarma t-tower crane, u t-tower crane kien ghadu fuq is-sit sat-3 t'Ottubru, ifisser li dawn il-kmamar ma setghux jinbnew ghax it-tower crane tiela' minn go fihom.".*[45]

Vella kompla jixhed kif fl-affidavit minn tieghu l-imputat jiddikjara numru t'affarijiet illi ma kienux koretti fosthom li kien hemm *tender* u numru ta' *bidders* meta skond l-istess kwerelant *"mhux vera li kien hemm tender, jew mhux vera li kellek offerti ohrajn".*[46] Ix-xhud ipprezenta *summary of facts,* **DOK. JV**, li jirrigwarda u jaghmel riferenza ghad-dokumentazzjoni originarjament minnu esebita, **Dok.XX1**.[47] F'dan id-dokument jelenka ghaxar okkazzjonijiet fejn jallega li Vassallo ma kienx veritjier fl-affidavit maghmul minnu.

---

[43] Fol.487-490
[44] Fol.699 et seq.
[45] Fol.492
[46] Fol.502-503
[47] Vol.II, fol.27- 416

Dwar il-fatt li qatt ma kien hemm *tender* u *bidders* ohra l-prosekuzzjoni ressqet numru ta' xhieda. **David Camilleri,** direttur ta Bathroom Design, xehed li ma kellu l-ebda involvement mal-Prince of Wales Residence u qatt ma ttenderja ghall-xoghol fiha.[48] **Mark Anthony Tabone,** direttur ta' Banju Boutique, stqarr li filwaqt li ma ssottometta l-ebda *tender,* kien ghamel *quotation* ghall-kmamar tal-banju, *sanitary fittings* u madum tal-hajt ghal Prince of Wales Residence.[49] **John Aquilina,** *managing director* ta' Josie's Bathroom Center , stqarr li ghall-habta tal-2004-2005 kien gie avvicinat jaghmel *quotation* ghall-xoghlijiet ta' bathrooms u artijiet *supply and labour*.[50]

Ghalhekk jirrizulta indubbjament li Tabone u Aquilina kienu ssottomettew *quotations* ghalkemm dan seta' ma kienx fl-ambitu ta' *tendering process stricto sensu.*

**Gillian Mahoney** xehdet li kienet impjegata mal-kumpanija Care Malta bhala *personal assistant* ta' Alex Tranter u wara l-2005 kienet marret tahdem bhala *administrator* f'Prince of Wales Residence.[51] Kienet tattendi *progress meetings* bejn il-haddiema tal-progett,[52] tikteb il-minuti ta' dak li kien ikun gie diskuss fil-*meetings* u ticcirkolahom.[53] Murija **Dok. NV07**[54] - li jittratta l-meeting tat-3 t'Ottubru, 2005 - tghid li l-ewwel *entry* kienet tittratta l-minuti tal-ahhar laqgha u fiha saru xi emendi. Tul il-meetings hi kienet tiehu istruzzjonijiet biss. **Ma setghetx tikkonferma jekk setghax kien il-kaz li l-emendi ta' meeting**

[48] Fol.856-857
[49] Fol.859
[50] Fol.862-863
[51] Fol.864
[52] Fol.865
[53] Fol.866
[54] Fol.589

**jinqabzu fil-meeting li jmiss**.[55] In kontro ezami kkonfermat li kienet il-firma taghha fuq faxes mibghuta lil Joe Vella fi Frar, 2005,[56] fejn kienet qed issir ordni ghal *basin accessories, mixer accessories, shower mixers* u *shower heads;* [57]dan sar minnha fuq struzzjonijiet tas-CEO Alex Tranter.[58]

**Naomi Zarb** murija dokument[59] li jifforma parti mill-minuti tal-laqgha tat-3 t'Ottubru, 2005, spjegat li kienet l-unika darba li hadet il-minuti hi peress li s-segretarja ma kienetx prezenti.

Minkejja din id-dikjarazzjoni l-Qorti tinnota li dan id-dokument hu anness mal-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005, **minuti li ttiehdu minn Gillian Mahoney**[60] **u mhux minn Zarb!** Mhemmx dubbju li Zarb hadet il-minuti tal-laqgha tal-10 t' Ottubru,[61] u dan jixhduh id-dokumenti esebiti, kemm dawk tal-proceduri civili (**Dok.XXI**) kif ukoll dawk esebiti mill-Perit Ivan Pace![62]

Ta' rilevanza hi d-dikjarazzjoni li ssegwi: *"Jekk niftakar apparti l-post li konna ltqajna* ***kont sibtha difficli biex insegwi*** *ghax ovvjament jiena ma kontx naf, kont ghadni kemm nibda u ma kienx ix-xoghol tieghi dan ghax jien mhux bhas-segretarja….I literally stepped in to do these things, I was asked to do it and I can't say much else ghax kif taqbad tghid tefghani f' nofs…..li niftakar hu li mort id-dar u bdejt, ghax kien difficli tara x' inhu l-iskambjament bejniethom kif tghidha, you know the exchange. Because* ***I couldn't understand what was going on****. U li niftakar mort id-dar u*

[55] Fol.868
[56] Fol.931-932
[57] Fol.1033
[58] Fol.1035
[59] Fol.246
[60] Fol.242-243
[61] Fol.248
[62] **Dok.IP** a fol. 882; fol.886

*ghamilthom fuq il-Kompjuter tieghi"* [63]. Tikkonferma li ma kienitx qed issegwi sew ghaliex ma kellhiex *follow-up* ta' meetings precedenti filwaqt li tghid li sa fejn tiftakar hi ma kien inbiddel xejn fihom.[64]

Il-Perit **Ivan Pace** xehed illi fiz-zmien li nbniet Prince of Wales Residence hu kien jahdem ma Building Consultancy Services li kienu responsabbli mix-xoghol strutturali, bini, supervizjoni certifikar tax-xoghlijiet u *contracts management*. Il-*main contractor* kien Vassallo Builders.[65] Kien hemm bosta *sub-contractors* jahdmu fuq il-progett fosthom Avantgarde li kienu responsabbli mil-madum. Kien jassisti lill-kuntrattur fuq is-supervizjoni tax-xoghol u certifikazzjoni. Ix-xoghol inghata f'Gunju tal-2005, kellhu jibda f'Lulju, 2005 u jintemm sa' Awissu jew Settembru, 2005.[66] Jixhed *"Li gara li niftakar ha naghmlu hekk illi x-xoghol kien dam ma gie l-madum allura kien hemm delay u mbaghad* ***meta beda x-xoghol kien hemm xi nuqqasijiet minn naha ta' Kuntrattur li x-xoghol ma sarx sew****. Ovvjament kien hemm diversi laqghat li kienu jsiru ta' kull gimgha progress meetings konna nsejhulhom fejn kienet tingibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur u x-xoghol ma kienx tlesta sal-gurnata stipulata,* ***gie estiz sal-15 t' Ottubru u xorta ma kienx tlesta****. U mbaghad li niftakar huwa li l-Kuntrattur Vassallo Builders kienu tterminaw il-kuntratt ta' Avantgarde tax-xogholijiet li kellu jaghmel….. * ***Sa fejn naf jiena d-dewmien kienet illi ma kienx qed inlahhaq mal-programme of works illi kien stabbilit****…. waqt il-programme of works kien stabilixxa anke waqt il-minuti illi l-Kuntrattur kellu jlesti sular la naf kull sebat ijiem xi haga jekk kienet id-durata ta' kull sular. Bejn id-dewmien li kien tal-madum li ma kienx gie u bejn ix-xoghol li ma kienx qed ikun komplut allura kien hemm hafna rqajja' 'l hemm u 'l hawn, bejn ix-xoghol li kien hazin u ried jinqala u jerga' jitpogga kien hemm id-dewmien, irrizulta f'*

[63] Fol.870-872
[64] Fol.873
[65] Fol.875
[66] Fol.876

*dewmien.".*[67] Esebixxa estratt tal-minuti tal-meeting tat-3 t'Ottubru, 2005, liema minuti kienu gew annessi mal-affidavit li ghamel fil-proceduri civili u kien ircevihom permezz ta' *email* datata s-7 ta' Ottubru, 2005, fil-18:19hrs.[68]

In kontro-ezami jikkonferma li t-tower crane kien ghadu f'postu u ghaddej mill-kmamar 08 sas-26 ta' Settembru meta *"t-tower crane izzarma u bdew jissaqfu s-soqfa fejn kien hemm ovvjament it-tower crane ghaddej.".*[69] Mal-minuti tas-26 ta' Settembru kien hemm *attachment* tal-*programme of works* minn fejn jirrizulta li x-xoghol fuq room 508 kienet tlestiet[70] filwaqt li rooms 108, 408,308 u 208 kien hemm *works in progress* u ma kien hemm l-ebda riserva li x-xoghol ma setghax issir fihom minhabba li kien ghadu armat it-tower crane.[71] Il-Perit Pace ghadda biex taha konferma li kien irceva l-*email* tal-minuti tat-3 t'Ottubru, fis-7 t'Ottubru, kif ukoll li fil-*meetings* kienu jinghataw *hard copies* tal-minuti tal-*meeting* precedenti.[72] **Jikkonferma li mill-minuti tat-3 t'Ottubru jirrizulta li l-kmamar 508 u 608 kienu tlestew u dawk 208, 308 u 408 kienu *work in progress* u ghalhekk altru li x-xoghol ma riedx ghadu jinbeda skond ma kien qed jikkontendi Vella meta jaghmel riferenza ghall-frazi *"Note: JV may commence works on rooms _08 by tomorrow"*[73].[74]**

Dak li jsegwi fix-xhieda tal-Perit Pace jolqot direttament il-mertu tal-akkuzi addebitati lill-imputat tenut kont li l-kwerelant Vella issejjes l-kaz tieghu propju fuq affidavit ta' Pace u l-minuti li gew annessi mieghu, peress li skond Vella dawn il-minuti gew mbghabsa mill-imputat. Ix-xhieda tal-imputat li nghatat

[67] Fol.876-877
[68] **Dok.IP1** a fol. 885-892
[69] Fol.1005-1007
[70] Fol.1008
[71] Fol.1010-1011
[72] Fol.1012
[73] Fol.884; Kopja a fol.888
[74] Fol.1015

fil-kors tal-proceduri civili wkoll qed tigi attakkata bhala inveritjiera *inter alia* peress li giet bazata fuq il-minuti li pprezenta hu stess f'dawk il-proceduri fejn anke inghad li kien hemm xogholijiet hziena maghmula minn Vella.

*"Dr Giglio: U allura qed tikkonferma li dak li attachjajt mall-affidavit imqar f'din in-nota biss, imqar f'din in-nota biss, ghandha zball.*

*Xhud: Mhux hekk.* ***Jista' jkun li l-minuti li jiena pprezentajt mall-affidavit ma kinux dawk aggornati.*** *… jiena l-minuti kont intihom lis-segretarja tiffajlja hi, jigifieri hemm hafna lok ta' errors hux human errors.*

*Dr Giglio: Filfatt dan l-affidavit inti li pprezentajt ipprezentajtu biex tispjega d-* ***diffikultajiet ta' bad workmanship u ta' delays fit-twettiq ta' dan il-kuntratt minn naha ta' Xedo.***

***Xhud: Ezatt iva****.*

*Dr Giglio: U inti hrigt rapport, u r-rapport li inti hrigt elenkajt x'inhuma dawn id-diffikultajiet. Inti dak ir-rapport li kont hejjejt u li huwa datat 14 ta' Dicembru 2005, li qieghed x'imkien hawn mall-affidavit tieghek, fol 770, inti tikkonfermah? Mela mall-affidavit tieghek ipprezentajt dok IP21 fejn ghamilt l-istimi li ghamilt u l-kalkoli li ghamilt. Dan id-dokument tikkonfermah?*

*Xhud: Iva nikkonfermah.*[75]*…..*

*Dr Giglio: Ma jimpurtax, ejja naraw x'tghid din l-ittra. Dan qallek hekk, dear Architect Pace, I refer to a certificate you prepared and signed on 14th October 2005 dak li ghadni kif urejtek, covering works carried out by my firm at Prince of Wales residence in Sliema. You state in the opening paragraph that you have been asked by Vassallo Builders Ltd to inspect and report on bad workmanship, filfatt dak kien ir-rapport tieghek, and you state that the first inspection was carried out to all tiled areas including public areas such as corridors, lounge and wellness centre, as well as to the residential appartments spread over all floors. I draw your attention to the agreement and general conditions which you prepared and which you state, mela dan qed jghidlek hekk. It is a rather grave statement from the architect nominated in the contract to state that the first time that an inspection was carried out was nearly six months after it started, and not as an ongoing exercise.*

[75] Fol.1016

*Xhud: M'ghandux x'jaqsam dak huwa rapport li jigi kkummissjonat wara din il-bicca xoghol kollha hux biex..*

*Dr Giglio: Jigifieri ara jekk hux qed nifhem tajjeb, fejn inti nizzilt the first inspection was carried out, the first inspection was carried out biex tesegwixxi dan l-inkarigu ha taghmel ir-rapport tal-bad workmanship.*

*Xhud: Ezatt.*

*Dr Giglio: U haddiehor deherlu imma li qed jikkritikak lilek li inti dik l-ewwel darba li mort fuq is-site.*

*Xhud: Dik hija l-opinjoni tieghu hux.*

*Dr Giglio: Pero kien jarak fis-site meetings dan ghax tidher inti fil-minuti. Kont prezenti fis-27 ta' Gunju, kont prezenti, imma allura dan x'wicc tost ghandu jigi jghidlek xi haga bhal din jekk kien ikun prezenti mieghek fuq is-site meetings u jigi jghid li inti l-ewwel darba li mort? Ghandek xi kummenti fuqha din?*

*Xhud: Kulhadd liberu ghall-opinjoni tieghu hux.*

*Qorti: Pero inti jigifieri qed teskludi li dakinhar li qed jirreferi ghaliha dik l-ittra tal-Avanguarde kienet l-ewwel darba.*

*Xhud: Uzgur li le.*

*Qorti: Jigifieri s-sitt xhur ta' qabel kont tmur perjodikament.*

*Xhud: Inqum u norqod."* [76]

**Steve Azzopardi** xehed li kien impjegat ma' Vassallo bejn l-2003 u l-2007.[77] Joe Vella, il-kwerelant, kien is-sid ta' Avantgarde li kienet hadet l-appalt tal-madum u *sanitary works* fil-progett ta' Prince of Wales fejn hu serva bhala *works manager* fuq *finishes*. Xogholu kien jinvolvi li jiehu hsieb is-*sub-contractors* u x-xoghol ta' kuljum.[78] Ix-xoghol ta' tqeghid tal-madum inbeda minn isfel, beda mill-kuriduri u l-kmamar, u l-programm kien intenzjonat li jitla' sular, sular.

[76] Fol.1017-1018
[77] Fol.895-896
[78] Fol.896

Peress li ma kienux zammew mal-programm u waqghu lura beda' jsir xoghol fis-sulari differenti fl-istess hin, *"bhala madum naf zgur niftakar li l-andament ma kienx wiehed linear ghaliex, ghax kien hemm postijiet imqabbad jerga' jaghmilhom kien hemm problemi ta' kwalita', u li niftakar ukoll mill-memorja dejjem l-ahhar sular ma kienx spiccah hu".*[79]. Ikkonferma affidavit maghmul minnu li gie esebit minn Vella w d-dokumenti mieghu annessi.[80] **Jiddikjara li hu ma kellux access ghall-minuti w ghalhekk qatt ma seta' jemendahom.[81] Il-minuti li annetta mal-affidavit tieghu – li ma jaghmlux riferenza ghal minuta 1175 - gabhom minghand Jonathan Buttigieg direttur ta' Vassallo Builders**.[82] Din id-dikjarazzjoni tassumi rilevanza aktar il-quddiem meta tigi kkunsidrata x-xhieda ta' Buttigieg.

In kontro-ezami Azzopardi kkonferma li l-minuti tal-*progress meetings* kienu jitteihdu minn Gillian Mahoney izda darba minnhom ttiehdu minn Naomi Zarb.[83] Muri **Dok.JG**[84] - kopja tad-dokument esebit bhala **Dok.JB1** a. fol.55 – ikkonferma li nbghatet *email* bil-minuti attached minn Naomi Zarb fl-14 t'Ottubru, 2005.[85]Jispjega li l-mail kienet tirrigwarda l-minuti tal-*meeting* tat-3 t'Ottubru[86] u l-emendi ghall-minuti ta' dak il-*meeting* gew annessi ma dik il-mail u huma esebiti a fol.56-57, fejn l-intestatura ggib il-kliem *"Amendments to Minutes"*[87]**.** Wiegeb lura lil Naomi l-ghada 15 t' Ottubru fis-1pm. Minn din id-dokumentazzjoni **jirrizulta li l-minuti tat-3 tat-Ottubru inbghatu fl-14 tax-xahar u b'hekk inqabzet gimgha ghaliex effetivament intbghatu gimghajtejn**

---

79 Fol.897
80 Fol. 900. Vide **Dok.JV** a fol. 508-511 u SA01-SA12
81 Fol.901
82 Fol.903
83 Fol.977
84 Fol.1003
85 Fol.978
86 Fol.979
87 Fol.56

**wara**.[88] Ma ftakarx kienx attenda ghal *meeting* li sar **fl-10 t'Ottubru,** [89] **fejn minflok Gillian Mahoney kien hemm Naomi Zarb**.[90] Ikkonferma li **l-minuti tat-3 t'Ottubru gew** ***remarked upon*** **fil-laqgha tal-10 t'Ottubru meta kien hemm Naomi inkarigata mit-tehid tal-minuti. B'konsegwenza wara l-laqgha tal-10 t'Ottubru, Naomi baghtitlu l-minuti tat-3 t'Ottubru**. Hu baghthomlha lura b'xi *amendments* li jidhru a fol.56-57 **u ghalhekk l-minuti tat-3 t'Ottubru kellhom jigu emendati** kif inghad filwaqt li talabha taghmel kopja taghhom u ticcirkolhom fil-*meeting*. **Dawn fil-fatt gew cirkolati u prezentati fil-meeting tas-17 t'Ottubru,** peress li l-mail intbghatet is-Sibt 15 t'Ottubru u *meetings* kienu jsiru kull nhar ta' Tnejn. [91]

Ix-xhud ikkonferma li kien hemm laqgha fit-3 t'Ottubru u kopja tal-minuti giet cirkolata bl-email mibghuta minn Gillian Mahoney fis-7 t'Ottubru, 2005, a fol. 242-247, li tirrigwarda *SH Progress Meeting 3 October 2005.* **Kien sar meeting iehor fl-10 t'Ottubru li ghalih ma kienitx prezenti Gillian izda Naomi u l-minuti ta' dan il-meeting intbghatu lilu minn Naomi fl-14 t'Ottubru filwaqt li hu rrisponsiha fil-15 t'Ottubru.**[92] **Peress li f'din l-email jghidilha** ***"kindly find amendments to last Monday's meeting,"*** **(li kien l-10 t'Ottubru) meta dawk kienu l-emendi ghall-minuti tat-3 t'Ottubru, hu kien ghamel zball**.[93] Muri l-emendi li baghat lil Zarb b'email tal-15 t'Ottubru, 2005 li gew mqabbla mal-minuti tat-3 t'Ottubru, u mhux kif erronjament indikat *"last Monday's meeting"* li kif inghad kien sar fl-10 t'Ottubru, 2005, **ix-xhud jikkonferma**

[88] Fol.980-981
[89] Fol.248
[90] Fol.981
[91] Fol.983-984
[92] Fol.985. Vide Dokumentazzjoni a fol. 248-250
[93] Fol.986

**definittivament li l-emendi li ghamel hu kienu effettivament qed jirreferu ghall-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005![94]**

Azzopardi semma kif il-kmamar 08 kien fihom *tower crane* ghaddej minn nofshom izda ghalkemm ma kellhomx slab tal-concrete tas-saqaf u tal-art, xorta wahda seta' jsir xoghol fihom,[95] *"parti mix-xoghol setgha jibda"*.[96] Mill-minuti tal-laqgha tad-19 ta' Settembru, 2005, jirrizulta li kien ghad fadal xoghol xi jsir fil-kmamar 08 minhabba l-crane.[97] Izda fil-minuti tas-26 ta' Settembru, din l-*entry* li kienet ilha tirrikorri fil-minuti ta' meetings mizmuma minn Gunju, 2005, ma baqghatx tidher ***"Mill-minuta tat-26th September il-parti construction tidher li telqet. Probabilment kienet li l-crane kien telaq u l-kostruzzjoni kienet spiccat."*** Malli tnehha l-crane bdew jissaqfu dawn il-kmamar minn isfel ghal fuq.[98] Minn *progress reports*[99] mibghuta mid-ditta Xedo tal-kwerelant, mal-minuti tas-26 ta' Settembru, 2005, jirrizulta li ghalkemm kien telaq il-crane, il-kamra 408 -floor tiles kienu *work in progress*,[100] 508 *"l-kamra maghluqa lesta bil-madum"*.[101] Mitlub jispjega kif Vella qed isostni li ma setghax jaghmel ix-xoghlijiet minhabba li kien hemm crane, **minn *programm of works* mibghut mill-kwerelant[102] jirrizulta bil-kuntrarju u cioe` li kien intenzjonat jibghat l-impjegati tieghu jahdmu fuq il-kmamar 08. Minn imkien ma jirrizulta f'dan id-dokument li ma setghax jaghmel xi xoghol minhabba l-crane**.[103]

---

94 Fol.986-990
95 Fol.990-991
96 Fol.991
97 Fol.992
98 Fol.993-994
99 Fol.238
100 Fol.995
101 Fol.996
102 Fol.240
103 Fol.998

Ix-xhud imbghad gie mistqosi dwar il-fatt li fl-emendi tieghu[104] ghall-minuti tal-meeting tat-3 t'Ottubru[105] w senjatament dik **1175** kienet tnehhiet il-frazi *"Note: JV may commence works on rooms _08 by tomorrow"*.[106] **Ikkonferma li kien hu li nehha din il-frazi peress li x-xoghol fuq 08 kienu diga' bdew, u sahansitra Xedo, fil-*plan of works* tieghu, mibghut mal-minuti tas-26 ta' Settembru, jindika li kien qed jahdem fuqhom jew ha jibda jahdem fuqhom** ***"Filfatt Level 4 floor tiles 408 work in progress. U anki 308 work in progress. 208 pending u 108 pending. Dawk kienu l-bathroom wall tiles, 508 ma jisemmiex."***[107] **In ri-ezami jikkonferma li rcieva l-minuti tat-3 t'Ottubru b'*email* fis-7 t'Ottubru w baghthom lura bl-emendi tieghu fil-15 t'Ottubru.**[108] **Dawn baqghu ma gewx inseriti fil-minuti tas-17 t'Ottubru.**[109]Kienet Naomi Zarb li kellha taghmel dan izda hu ma kellux kontroll fuqha; jibqa' l-fatt li hu talab li jsiru.[110]

Din ix-xhieda xxejjen l-allegazzjoni maghmula mill-kwerelant li Vassallo kien ghazel li jimmodifika l-minuti bil-ghan li jipprova li l-kwerelant kien naqas fl-obbligi kontrattwali tieghu u b'hekk jigi soggett ghall-penali. Minflok irrizulta li kien Azzopardi li kien emenda l-minuti biex titnehha l-frazi citata.[111]

**Maurice Meli Bugeja** xehed li hu sid ta' *business* li jimporta s-cement, gibs, injam u madum. Jaf lill-imputat ghaliex kien jixtri materjal minghandu.[112] Jaf lil Joe Vella bl-istess mod. Vassallo qatt ma semmielu d-dar tal-anzjani izda kien

[104] Fol.57
[105] **Dok.IP** a fol.882-884
[106] Fol.884
[107] Fol.998
[108] Fol.999
[109] Fol.1000
[110] Fol.1001
[111] Fol.884
[112] Fol.907-908

jixtri materjal li ma kienx ikun jaf fejn ser jintuza.[113] In kontro-ezami kkonferma li Vassallo kien ilu klijent tieghu ghal zmien twil.[114] Meta kien jigi mistoqsi ghall-prezzijiet dan kien isir permezz ta' telefonata u mhux l-ewwel darba li meta kien jintqal lilu li l-prodott instab bi prezz ahjar hu kien jirranga biex ibiegh ill-proditt tieghu bi prezz imrahhas.[115]

**Joan Bonanno,** oht il-kwerelant, xehdet li fl-2005 kienet direttur ma Halmann Trading u x-xoghol taghha kien li tiehu hsieb is-*sales, marketing* u *purchasing* minn barra ta' madum u bathrooms. Kienu gew avvicinati minn Care Malta u senjatament minn kumpanija ta' periti, Architecture Projects, biex jibghatu rapprezentanti taghhom biex jaraw madum ghal xi progett.[116] Dawn kienu marru dakinhar stess jew l-ghada flimkien ma Tranter u hi akkumpanjathom ghaliex riedu jaraw madum li kien skond l-*specifications* taghhom. Kienet saret korrispondenza dwar metraggi ghall-art u hitan ta' *bathrooms* ta' dar ghall-anzjani.[117] Kienu ghamlulhom *sample room* bil-madum biss.[118] Gew mitluba prezz ghat-tqeghid tal-madum izda ma kienx intlahaq qbil u Vassallo qalilha li la mhux ser jiftehmu maghha kienu ser jahdmu b'huha.[119] Ma kienx hemm *tenders* imma kienu gew mitkellma minn Architectural Projects u Alex Tranter it-tnejn f'isem Care Malta. Mitluba tikkumenta fuq dikjarazzjonijiet maghmulha mill-imputat li *"id-ditta Hal Mann ipprovdiet is- sanitary work kollu, is-shower floor, tray tal-irham kif iddisinjat minn AP, glassdoor u kull ma kien hemm bzonn fil-kamra tal-banju u fil-kcina jigifieri kitchen top u splashback"* ix xhud tghid cjar u tond li *"Id-ditta Halmann ipprovdiet il-madum biss ghas-sample rooms biss"*.

[113] Fol.909
[114] Fol.912
[115] Fol.913-914
[116] Fol.916-917
[117] Fol.918
[118] Fol.919
[119] Fol.920-921

Bonanno giet rinfaccjata b'dikjarazzjoni ohra maghmula mill-imputat fl-affidavit tieghu u cioe` li *"mhux veru li c-cangara mqabbdin minn Hal Mann fuq ix-show flat kienu abbandunaw ix-xoghol. Bhala fatt Joan baqghet tigri warajja biex ix-xoghol tiehdu hi. Il-ftehim dwar il-prezz kien diga' miftiehem qabel ma jien intqajt ma' Joe. L'unika raguni li geghlitni nerga nahsiba rigward ix-xoghol li jinghata lil Joan kienet li fid-diskussjonijiet qaltli li kienet ha tpoggi lil certu Lino Callus bhala works manager u peress li lil dan Lino Callus ilni nafu sa mis-snin 70 ma hassejtnix kunfidenti li progett daqshekk mghaggel kien ha jispiccah fil-hin"* .[120] Dwar dan tghid li ghalkemm huwa minnhu li <u>f'kaz li kienu ser jinghataw il-kuntratt Lino Callus kien ser ikun nkarigat minn tali x-xoghol</u>, l-unika raguni ghalxiex ix-xoghol ma haditux hi kien li ma kienx hemm qbil dwar il-prezz. Ix-xhud tghid ukoll illi l-imputat qatt ma semmielha li ma sarx ftehim kagun ta' Lino Callus filwaqt li <u>tissenjala qbil mad-dikjarazzjoni li l-haddiema taghha kienu lestew is-*sample rooms*</u>.[121]

**Minn din ix-xhieda jirrizulta li ma hemmx qbil ma dak dikjarat mill-imputat f'certi aspetti izda f'ohrajn hemm qbil u anke korroborazzjoni. Jirrizulta wkoll li kien Tranter li kien beda jinnegozja maghha fil-bidu.**

**Elaine Falzon** li fis-sena 2004 u 2005 kienet tahdem ma Xedo Bathrooms, kumpanija ta' Joe Vella, xehdet kif *designer* ta' progett ta' Care Malta kienet avvicinata biex tara *sanitary ware* bil-ghan li jinxtraw *samples*. Tenut kont li kien progett kbir kien inkariga ruhu minnu Joe Vella. Ltaqghet ma Tranter u Gillian meta l-progett beda jizvolgi.[122] Murija **Dok.KGZ**[123] tikkonferma li kienu

---

[120] Fol.923
[121] Fol.924
[122] Fol.927-928
[123] Fol. 931-937

kampjun ta' *quotes* taghhom. Fil-fatt wara li kienu nghataw *quotes* u hadu xi *samples* li ntghogbu, xtraw affarijiet ohra.[124]

Ghall-darb'ohra gie pruvat li bosta kienu dawk l-intraprizi li ntalbu jaghtu *quotations* ghal dan il-progett.

**Wasim Hamad Abdelbagi** xehed kif kien hadem fuq il-progett wara li kien gie mqabbad minn Vella.[125] Spjega kif Vella kien waqa lura fil-pagamenti u dan kien dovut, kif qallu l-istess Vella, ghaliex l-imputat ma kienx hallsu. Hu kien ihaddem mieghu numru ta' persuni.[126] Semma' kif Vassallo kien qallu li ser jaghti LM4,000 lil Vella biex jithallas, izda baqa' ma thallasx. Kien ghalhekk li kemm hu kif ukoll l-impjegati tieghu ddecidew li jieqfu jahdmu ghal Vella. Jghid li Vella ma kienx thallas minhabba li skond il-*project manager* Stephen Azzopardi kien qed isir xoghol hazin. [127] Wara bosta xhur li ma baqawx jahdmu fuq il-progett *"Ftit wara kien cempilli Stephen Azzopardi mbaghad cempilli s-Sur Vassallo biex nerga nkompli. Ghidtlu jien ghandi nithallas, jekk nithallas ta' dak li ghamilt nigi nkompli mhux problema imma nithallas li ghandi nithallas. Qalli ejjew ibdew. Gejna l'ghada niftakar jumejn wara nsejt ezatt id-dati l-Hamis kien insejt ezatt id- dati, kif gejna qalli le ha nhallsek mill-lum jien l'antik mhux ha nhallsek tal-antik. Qbadna u zarmajna dak il-hin jigifieri ma domniex l-istess gurnata. Tlaqna l'hemm. Ghidtlu le jew thallasni l'antik ukoll jew mhux ha nahdem."*[128] Jghid li ftit xhur wara kien rega' cempillu l-imputat fejn staqsieh jekk riedx jaghmel xi xoghol gewwa l-Mellieħa u kien mar fuq il-post izda ma kienux irrangaw. Jaghmel dikjarazzjoni kemm xejn inkwetanti meta jghid ***"hallasni wara kien lili Joey***

124 Fol.928-929
125 Fol.947-948
126 Fol.948-950
127 Fol.952
128 Fol.954

***ghax kont ghamilt affidavit jien.....*** *Qalli ghamel affidavit x'gara u ma garax ghandi bzonna ghal Qorti ghidt x'gara u ma garax".*[129] L-affidavit kien jirrigwarda dak li sehh fuq il-progett.[130] Ikompli li xi zmien wara cempillu l-imputat *"qalli ghax inti ghamilt affidavit hazin u mhux suppost u ma nafx, ghidtlu jien ghidt kif suppost, qalli dak suppost ma thallix suppost ghamilt karta inti li twaqqfu ma taghmlux ma tuzahx inti dan l-affidavit. Li taghmel xi referenza lil Joey li ma tistax tuzah. Qalli inti tkellimt hazin fuq l-affidavit jigifieri fis-sens li gdibt."*[131]. Kien fl-istess zmien li Vassallo offrielu xoghol il-Mellieha izda x-xhud mhux cert jekk dan kienx jum qabel jew wara li kien kellmu dwar l-affidavit u qallu ma jaghmilx uzu minnu *"Qalli ghax inti ma kontx sincier bl-affarijiet li saru".*[132] Wasim kkonferma l-affidavit maghmul minnu[133] u tenna li l-kontenut tieghu kien veritjier.[134] Jghid li Vassallo qallu li kien lest ihallsu nofs l-ammont li kellu jiehu minghand Vella ghaliex sostna li x-xhud ma kienx qed ikun sincier.[135]

In kontro-ezami jikkonferma li ma giex investigat dwar dan il-kaz u li hu ma jafx jaqra. L-affidavit sar billi inkiteb dak li kien qed jghid hu, hadu mieghu d-dar u gie moqri lilu minn martu. Vella kien mieghu meta sar l-affidavit ghand in-nutar u kien hu li hadu ghandu.[136] Jammetti li huma u sejrin fil-karozza ghand in-nutar kien talab lil Vella jhallsu dak lilu dovut u dan qallu biex itieh cans u li kien ser ihallsu. Qabel ma sar l-affidavit, Vella kien jghidlu li ma setghax ihallsu qabel mal-imputat kien ser ihallas lilu.[137] Jikkonferma li kien qabad u ffirmah qabel ma gie moqri lilu minn martu, izda wara jghid li qabel

[129] Fol.955
[130] Fol.954-955
[131] Fol.957
[132] Fol.959
[133] Fol.128-131
[134] Fol.960
[135] Fol.961
[136] Fol.963
[137] Fol.964-965

kien qrahulu wkoll in-nutar.[138] Ghalkemm Vella qallu li kien ser ihallsu dam ma thallas u baqa' jigri warajh sabiex isir il-pagament dovut.[139] Wasim jikkonferma li meta Vassallo qallu biex jergghu jiltaqghu l-ufficju tieghu l-gimgha ta' wara, kien semmielu li kien ser ikun hemm prezenti l-avukat tieghu *"Iva... Iva mort ghandu l-ufficju iva iva. Mort ghandhom l-ufficju n-Naxxar kien jew il-Mosta."[140]*. L-avukat kien kellmu dwar l-affidavit *"Iggilidt mieghu dak il-hin ghax qalli inti qed tigdeb u hekk, ghidtlu jien ma gdibtx."* Ma jafx x'sar fil-prceduri civili mill-affidavit tieghu. [141] Thallas minn Vella fl-2008[142] filwaqt li l-Qorti tinnota li l-affidavit sar f'Dicembru 2005.[143] Mistqosi jekk fil-laqgha ma Vassallo u persuna ohra kienx qal diskors fis-sens li ma kienx jaf x'fih l-affidavit u lanqas inghata kopja tieghu jinnega.[144] Cahad li offra li jaghmel affidavit kuntrarju peress li Vella kien baqa' ma hallsux.[145]

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li fir-relazzjoni tal-Perit Gudizzjarju u tal-Perit Tekniku[146]pprezentata mill-periti teknici u legali jirrziulta li dan ix-xhud kien meqjus minnhom bhala *"persuna mhux kompletament affidabbli"*.[147]

**Xehed l-imputat Nazzareno Vassallo** li beda' biex jispejga l-irwol tieghu fis-socjeta` Vassallo Builders Group, li hija l-*holding company* ta' diversi kumpaniji sussidjarji u kumpaniji assocjati. Inhatar bhala Chairman taghha fl-1985 u

---

[138] Fol.965-966
[139] Fol.966
[140] Fol.967
[141] Fol.968
[142] Fol.969
[143] Fol.128-131
[144] Fol.970
[145] Fol.971
[146] Fol.59 et seq.
[147] Fol.88

ghadu jokkupa din il-kariga sal-lum.[148] Il-progett Prince of Wales Residence kien progett tal-kumpanija Caremalta Group li hi *fully owned* minn Vassallo Group. Fiz-zmien li sehh dan il-kaz is-CEO ta' Caremalta Ltd. kien Alex Tranter.[149] L-imputat xehed kif konxxji mill-posizzjoni ta' Prince of Wales Residence li tinsab bejn zewg arterji principali, gie deciz li t-*tower crane* jaghmluh gol-binja, jghaddi mill-kmamar 08, minflok ma jitpogga' fit-triq u jigi blukkat it-traffiku. Il-progett kien imexxi minn Alex Tranter li kien ikun ic-*chair* tal-*meetings* meta hu ma kienx ikun prezenti. [150] Jonathan Buttigieg kien direttur kummercjali ta' Vassallo Builders Ltd. u l-irwol principali tieghu kien biex jidhol fl-aspett kummercjali kollu fejn tidhol *supervision* u *certification* minn naha ta' Vassallo Builders.[151] Stephen Azzopardi kien il-*project manager* responsabbli biss mill-*finishings* ta' dan il-progett li kien intiz li jkun mudell li juru il-kwalita` gholja ta' djar mibnija minnhom f'dan is-settur. Gillian Mahoney kienet il-PA ta' Tranter u kienet risponsabbli tikkowordina l-*meetings.* Ghalkemm fil-bidu ix-xoghol beda miexi sew malli dahal fix-xena Joe Vella inholoq sfrattu tant li hu gie mitlub minn Tranter biex jattendi hafna mill-*meetings* li kienu jsiru, xi haga li ma kienx qed jaghmel qabel.[152]

Vassallo spjega li meta gara l-kaz fl-2005 hu ma kienx wisq familjari mat-teknologija tal-informattika, l-*emails* kienet tarahom il-PA tieghu w anke kienet tirrispondihom hi wara li, fejn kien hemm bzonn l-intervent tieghu, kienet taghmillu *hard copy* taghhom u kien jarahom filghaxija. Beda juza l-*laptop* wara li l-PA harget bil-*pregnancy leave* f'Mejju-Gunju 2008, *"Vuol diri rrid nghid illi fil-kaz ta' Prince of Wales meta Gillian kienet iggib kopja printed tal-minuti ta qabel halli jekk jien immur inkun nista' nsegwi x'intqal il-gimgha ta' qabel jekk ma mmurx ma*

[148] Fol.1056-1057
[149] Fol.1058
[150] Fol. 1060-1061
[151] Fol.1060
[152] Fol.1061

*nkunx naf x'kienet tidhol fil-file u ma kinitx tigi ghal recognition tieghi….jekk nista' nzied xi haga wahda biss, Sinjura Magistrat, ghalfejn ghidna dan il-background u dana kollu? Biex forsi l-Qorti tifhem illi Vassallo Builders Group jew Vassallo Group ma huwiex a one man band kif qed jipprova jpingih Joe Vella imma l-1700 mitt ruh li kulhadd ghandu r-rwol tieghu x'jaghmel fil-kumpanija u ovvjament bhala Chairman, allahares niccekja 1700 ruh x'inhuma jaghmlu ghax qisek qed tistaqsini dalghodu zgur li l-1500 anzjan hadu l-breakfast jew hadu l-medicina qabel gejt il-Qorti hawnekk? Dik is-sitwazzjoni kif inhi".*[153]

L-imputat jixhed li meta gie mitkellem mal-Ispettur Abdilla u rrilaxxa stqarrija kien mill-ewwel indikalu il-persuni li kienu ta' rilevanza ghall-finijiet tad-domandi u konsegwentement l-akkuzi li kienu qed isiru fil-konfornt tieghu, izda dawn baqghu qatt ma gew mitkellma mill-ispettur.[154]

L-imputat kompla billi taha l-verzjoni tieghu dwar l-allegazzjonijiet elenkati mill-kwerelant Vella in sostenn tal-akkuzi attribwiti minnu lill-istess imputat.[155]

1. Affidavit Falz: Halmann ghamlu x-xoghol kollu.[156]

Dwar dak dikjarat fl-affidavit tieghu li Halmann ipprovdiet is-*sanitary works* kollu, Vassallo jishaq li hu rrakonta dak li kien jaf hu minghajr ma staqsa persuni ohra. Kien Tranter li kien risponsabbli mid-*day to day operations* u hu kien minghalih li Halmann ghamlu x-*show flat "Is-show flats gew spiccati minn Alex Tranter la kellu bzonn l-awtorita' li jitlob ghax hu kien ic-CEO tal-kumpanija u anqas bhala fatt kien jaghmilha, hu kien jiehu d-decizjonijiet fil-limitu tal-poteri li kellu*

[153] Fol.1062-1063
[154] Fol.1063
[155] Fol.828-837
[156] Fol.828

*u bhala fatt kull CEO tal-grupp hekk ….. ghalija u ghal shabi l-ohra tal-board, li qeghdin sitta, apparti hu, is-show flats saru mid-ditta Hal Man. Hekk gie rrapurtat, dik kienet ix-xewqa taghna u to our knowledge hekk sar….is-showroom flat ahna ridna nistabbilixxu kif ghidt fil-bidu liema ser nuzaw u l-bench marking tal-kwalita' tax-xoghol, l-aktar li kien importanti. Ahna ridna nistabbilixxu livell ta' kwalita' u d-ditta Hal Man irnexxilha tilhaq l-aspettativi taghna fejn jidhol bench marking."*[157]

B'hekk l-imputat qed jaghti spjegazzjoni, li mill-assjem tal-provi baqghet ma gietx kuntrarjata u ghalhekk tilhaq il-grad tal-probabbli u cioe` tal-fatt li hu ma kellhux l-intenzjoni li jqarraq meta ghamel dik id-dikajrazzjoni fl-affidavit minn tieghu.

2. Affidavit Falz: Joan Bonanno ma accettatx ix-xoghol fuq il-progett jew kif jghid Vassallo giet infurmata li ma haditx il-progett?[158]

Gie prezentat dokument[159] minn fejn jirrizulta li l-Perit Pace f'isem Building Consultancy Services Ltd (BCS) kien **informa lil Joan Vella li x-xoghol ma kienx inghata lilhom**. B'dan isostni li ma kienx gideb meta fl-affidavit sahaq li kienet il-kumpanija tieghu li nfurmat lil Joan Bonanno li x-xoghol ma kienux ser johduh huma u mhux bil-kontra kif jallega JoeVella. Kienet propju din il-kumpanija li kienet responsabbli mit-*tendering process*, kumpanija mmexxija mill-Perit Edgar Rossignaud. **Dokument iehor[160] juri li meta kien hemm l-ewwel call ghat-*tender* kien hemm *quotes* minn 8 kuntratturi**. Minkejja li l-prezz inizjali kkwotat minn Halmann kien ghola aktar minn dak ta' kuntratturi ohra, ix-xewqa kienet li l-progett jingahta l-Halmann u dan wassal sabiex il-

157 Fol.1064
158 Fol.829
159 **Dok. Zaren 3** a fol. 1074
160 **Dok. Zaren 1** a fol. 1075

prezz originarjament indikat gie ridott. Minkejja dan, hekk kif sar jaf li kien ser jitpogga' certu Lino Cauchi bhala *project manager* u hu ma kienx konvint li kien ser iwassal il-progett fil-hin, gie deciz biex ix-xoghol ma jinghatax lil Halmann.[161] F'dan iz-zmien kien anke dahal fix-xena Vella li beda jipprova jipperswadi lil Tranter li ohtu Joan Bonanno ma kellhiex l-esperjenza mehtiega. Fit-tieni round tat-*tendering* inghata c-cans jaghmel l-offerta tieghu hekk kif ghamlu kuntratturi ohra kif jixhed dokument pprezentat mill-imputat.[162] Gew prezentati numru ta' ittri li ntbghatu lill-kuntratturi minn BCS li kienu taw offerti ossia *quotes* u ma gewx maghzula**, inkluz lill-istess Joan Bonanno**.[163]

Dan iwassal lill-qorti tqis li l-imputat ma kienx qed ikun inveritjier kif allegat meta, b'riferenza ghad-dokument imsemmi mibghut lil Bonanno, din qed tigi infurmata li x-xoghol ma kienitx haditu hi u dan peress li gie esebit propju d-dokument li Bonanno giet infurmata bl-ezitu sfavorevoli ghad-ditta taghha.

<u>3. Affidavit Falz: Kien informa lil Halman u kontestanti ohra li x-xoghol ma haduhx huma. Vella jikkontendi li ma kienx hemm kontestanti ohra ghajr Halmann.</u>[164]

Ma dak gja` dikjarat izid: *"<u>jien kont qed nikkwota fl-affidavit tieghi diskussjoni li jien kelli mal-Perit Rossignaud li huwa CEO ta' Building Consultancy Services li hargu t-tenders huma</u>. Semmieli li kien xtaqu jinkludu lil Meli Bugeja u jien ghidtlu li ma nsib l-ebda oggezzjoni li tibghatilhom id-dokument, kif filfatt naheb li hekk gara. Jekk niftakar f'dik id-diskussjoni kont ghidtlu li izjed ma jkollna xelta wisgha aktar ikollna minn fejn naghzlu ovvjament u bhala fatt kif nafu dahlu dawk il-kuntratturi wara......*

161 Fol.1066-1067
162 **Dok. Zaren 2** a fol.1081
163 **Fol.1067. Vide Dok**. **Zaren 3** a fol.1074; Dok. **Zaren 4-11** a fol.1082-1089
164 Fol.830

*enfasizzajt ovvjament illi fost dawn ikun hemm primarjament ikun hemm Hal Man peress li kienu ghamlu diga s-show flats pero' ghal xi raguni kwazi kollha l-kompetituri tal-madum kollha gew ihabbtu l-bieb ta' BCS biex jikkwotaw ghal din it-tender, kif filfatt ghamlu".*[165]

Jerga' jispikka f'din it-testimonjanza li l-imputat kien irrefera ghal dan il-process fejn bosta kienu dawk mitluba jissottomettu *quotations* kif jixhdu d-dokumenti esebiti. Dan ifisser li l-allegazzjoni ma gietx ippruvata.

<u>4. Affidavit Falz: Tqeghid tal-madum kellu jibda fl-4 ta' Lulju u seta' jsir fil-kmamar kollha ghajr ghal dawk bin-numru 08 li minn go fihom kien ghaddej *tower crane*.</u>[166]

L-imputat spjega li l-kmamar 08 ma kienux jikkonsistu biss fil-parti minn fejn kien ghaddej it-tower crane ghaliex dan kien appartament b'zewg kmamar tas-sodda separati u kienet kamra wahda minn 4 f'level 1 u hamest kmamar fl-level 2 biss li kienu affettwati ghax ix-xoghol seta' jissokta fil-kumplament.[167] L-ewwel *board meeting* sar propju fil-kamra 108 fis-6 ta' Gunju tal-2005 u Vella attenda ghalih. Il-kuntratt gie ffirmat fl-10 ta' Gunju. Kif tixhed il-minuta 533/05 fil-*progress meeting* tal-10 ta' Gunju dik il-parti ma setghetx issir. Ikompli *"Skond il-kuntratt l-avantgarde kellhom jipprovdu il-madum kollu tal-art u tal-hajt u tas-sanitary fittings kif irrizulta mid-dokument li gie ffirmat.*[168]*......... kontra dak kollu li qed jghid Joe Vella. Hija biss biex ihawwad l-imhuh u ta l-impressjoni li dawn ma kienux mibnija u probabilment ipperswada anke lill-Ispettur li dawn ma kienux mibnija. Vuol diri meta qed nghid mibnija qed nghid with underlined mibnija li dawn kull ma kien jonqoshom dawn it-22 metru f'sular ta' elf metru.... wasal biex inwaqqfuh,*

165 Fol.1068
166 Fol.832 et seq.
167 Fol.1070
168 Vide **Dok. NV01** a fol.150 et seq.

*gimgha wara gimgha dan qatt ma kien jiddeliverja dak li kien iwieghed fil-gimgha ta' qabel, tant hu hekk li dan kien qieghed more or less xahrejn tard minn dak li kellu jispicca ix-xoghol u dan spicca bla nies hadd u bla ebda kamra lesta, il-binja kollha, mhux fl-08 issa, il-binja kollha. .... dana issa ser nipprezenta dokument fejn hu qed jghid kif ser jispicca l-kmamar 08 sa 2 t'Ottubru insibu li gej, room 108, mela l-ewwel sular 108, 70 per cent complete, jigifieri tletin fil-mija ghadha mhux lesta. Room 208, is-sular ta' fuq, 90 per cent complete, room 308, zewg sulari il-fuq, 45 per cent complete, room 408, 75 per cent complete, room 508, 75 per cent complete, room 608, 0 per cent complete ghax kien ghadu ma bediex f'dan is-sular".*[169] Vassallo jispjega li sas-27 t'Ottubru, 2005 il-kmamar 108, 208 308, 408 u 508 kienu msaqfa u cioe` 22.6% tal-kuntratt kienu ghadhom mhux lesti.

Dwar dak allegat minn Vella li *"(ii) hemm hafna areas li ma jaqghux taht il-kuntratt u li saru arrangamenti fuqhom mal-andament tax-xoghol",*[170] l-imputat jiddikjara li dan mhux minnu tant li l-kuntratt li Vella ffirma fl-10 ta' Gunju, 2005[171] fil-klawzola G.1.1 hemm indikazzjoni tax-xoghol li kellu jsir minn Vella li juri l-oppost. F'din il-klawzola insibu *"fixing of floor tiles in bedrooms, kitchen/dining/living rooms, public areas, terraces, balconies and corridors as defined by the contract drawings and specifications"!*[172]

L-imputat, jissostanzja dak dikjarat minnu billi jaghmel riferenza ghar-**rapport tal-Perit Pace li gja` saret riferenza ghalih li fih jaghti rendikont tan-nuqqasijiet riskontrati minnu**. Ghalhekk anke hawn il-Qorti ma tistax issib li din l-allegazzjoni giet soddisfacentement ppruvata.

---

[169] Fol.1071-1072
[170] Fol.832
[171] **Dok. NV01** a fol. 150 et seq
[172] Vide fol.154

5. Affidavit Falz: Il-Minuta Nru. 1175/2005.

Vassallo jerga' jsemmi dak li kien spjega lill-ispettur Abdilla fil-kors tal-istqarrija tieghu u cioe` li hu kellu jitkellem ma Jonathan Buttigieg peress li kien Buttigieg li kkompila l-inkartament prezentat fil-proceduri civili: *"Jien ma kelliex dakinhar u ma m'ghandiex lanqas illum access ghal dawn il-minuti anki l-fatt li sa dak iz-zmien l-Ufficju tieghi kien mexa minn The Three Arches fejn kont ghal erbghin (40) sena qabel ghal Villa Amadeo fejn ghadni hemm sal-lum u ma nafx kif tista` taccessjahom through il-kompjuter. Jien infurmat fil-kors ta' din il-kawza li l-Ispettur Abdilla qatt fil-fatt ma baghat ghal Jonathan Buttigieg. Jiena nichad bil-qawwa kollha li qatt rajt il-minuti qabel [is-site meetings] jew xi darba tlabt li jinbidlu xi minuti. Din hija invenzjoni u akkuza falza ta' Joe Vella."*[173] Meta kien qed jipprepara t-twegibiet tieghu ghal 115 il-domanda li kellu jaghti fl-affidavit, mill-file li kien uza biex ifassal it-twegibiet tieghu, ma sabx riferenza ghal dik il-minuta. Jispjega li, kif gara anke rigward mistoqsijiet ohra li ma kellux informazzjoni dwarhom, talab li jixhed dwarhom *viva voce* fil-proceduri civili.. Jichad li sar xi tbaghbis minnu w jinsisti li Vella *"hu rcieva d-draft to be corrected, ikkoregewha u dik li hemm fir-rekords ufficjali taghna u hu bena dan il-kas fuq xi haga stqarrija ta' Neomi li qatt m'ghamlithom u li ma tafx taghmilhom u bhala fatt irrizulta li ma kinietx taf taghmilhom ghax ghamlithom zbaljati. Imma nerga` nghid Ivan Pace u Stephen Azzopardi offrewlha qalilhom nibghatomlhom u nikkoreguhomlha no problem u jiena wkoll nissimpatizza maghha la ma kinietx taf, ma kinietx taf u Joe jpprofita ruhu b'dan iz-zball ta' Neomi Zarb*[174]*.... Jiena ghalija meta Joe qed jipprova jallega tbaghbies fil-minuta one one seven five (1175) qed jipprova jqgharraq. Meta qed jghid li kmamar one zero eight (108), two zero eight (208), three zero eight (308), four zero eight (408), five zero eight (508) u six zero eight (608) ma setghux jinbnew ghax ix-xoghol ta' kostruzzjoni waqgha lura. Din hija gidba ta' Joe Vella ghal dawn ir-*

[173] Fol.1094
[174] Fol.1099

*ragunijiet li ser nghid u nibda, it-Tower Crane ma kienx mehtieg biss ghax-xoghol ta' kostruzzjoni izda wkoll ghal finishes principalment fosthom ix-xoghol tal-madum li kien qed jaghmel Joe Vella nnifsu. …. Mela l-crane tnehha fl-ahhar t'Awwissu tal-elfejn u hamsa (2005). Il-flat kollu li nzerta l-OA2 li huwa two (2) bedroom, kamra wahda (1) biss qiesu minn hames (5) areas ma setghatx issir kif xehedt id-darba l-ohra tnejn u ghoxrin (22) metru circa kull flat ma setghatx issir f'kull sular minn elf (1000) metru. Voldieri meta qed nghidu twenty-two (22) out of one thousand (1000) qed nghidu very very small percentage. Il-kmamar imsemmija l-ohra kienu lesti hlif din il-parti li qeghdin nghidu fejn kien hemm it-Tower Crane. Jekk tara l-minuti tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru allura gimgha qabel ma hawn din l-allegazzjoni kollha Joe Vella jpprezenta programm minute number one one two seven (1127) tal-zero five (05) u ndirizzat bhala Shedo jew Shido [recte: Xedo] 26/09/05 u jrraporta hekk fuq dawn il-kmamar Joe Vella nnifsu issa. Irid nenfasizza wkoll Sinjura Magistrat illi dak li hemm miktub fil-minuti huwa dak li jkun irraporta Joe Vella u kull Kuntrattur iehor minn gimgha ghal ohra.".*[175]

Il-Qorti tinnota li fil-program maghmul minn Vella li gie anness mal-minuti tal-meeting tas-26 ta' Settembru, 2005, hemm indikazzjoni fil-minuti 1122/2005, 1123/2005 u 1124/2005 li l-istess Vella kellu jlesti x-xoghlijiet sat-30 ta' Settembru filwaqt li l-minuta 1121/2005 tghid *"NV noted that JV must finish all pending works by 15th October"*.[176] Iktar il-quddiem jigi rimarkat li l-kmamar 308, 408 508 WIP (*work in progress*) filwaqt li jinghad fir-rigward ta' Level 1 u Level 2 *"JV to compelte rooms without further delay"*.[177]

Vassallo jtemm ix-xhieda tieghu fuq il-punt numru 5 billi jiddikjara *"Il-minuta one one seven five (1175) ipprezentata minn Dr. Zammit Maempel fil-Kawza Civili*

[175] Fol.1100
[176] **Dok. Zaren 12** a fol.1145 et seq.
[177] Fol.1146

*hija l-minuta zbaljata li ghamlet Neomi Zarb mhux il-minuta l-korretta ghaldaqstant m'hiex il-minuta t-tajba. Ghal dak irraportat fil-pagna tmien mija u erbghin (840) waqt is-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju nerga` nichadt li jien qatt rajt il-minuta one one seven five (1175) jew li kelli fil-pussess tieghi kopja taghha meta kont qed nipprepara r-risposti tieghi bil-miktub minn Ghawdex. Dak li gahndi xi nghid fuq il-one one seven five (1175)".*[178]

6. Affidavit falz: Talba minn Vella biex isir *deposit* ta' LM20,000.[179]

Dwar din l-allegazzjoni Vassallo jerga' jtenni dak dikjarat minnu fl-affidavit li qed jigi attakkat bhala inveritjier u jsostni li wara li f'Mejju kienu nfurmaw il-*bidders* l-ohra li ma kienux rebhu t-*tender*, liema *tender* ma kienx issemmi *deposit*, meta sar il-ftehim ma Vella fl-10 ta' Gunju, ghalkemm fil-*general conditions* jibqa minghajr riferenza ghal xi *deposit*, fl-*articles of agreement* kienet iddahhlet klawzola li tindika depozitu ta 7,000. Ghalkemm Vassallo jikkwota dak li skond hu huma l-artikli 2 u 3 ta' dan il-ftehim, dawn l-artikoli huma differenti minn dawk ffirmati minnu w esebiti bhala parti mill-ftehim ma Avantgarde [180]tant li la l-klawzola tnejn u lanqas dik nru.3 ma jaqblu, bid-depozitu msemmi jkun dak ta' LM10,000 u mhux Lm7,000. fl-artiklu 3 insibu *"A deposit of LM10,000 is being paid herewith...."*[181].

Il-Qorti tikunsidra li ftit kien jaghmel sens ghall-imputat li jigdeb fuq l-ammont tas-somma li tirrizulta mill-kuntratt innifsu. Gie osservat li anke tul ix-xhieda *viva voce* l-imputat hu skorrett, izda jinhtieg hafna aktar sabiex din il-Qorti tasal tiddetermina li l-imputat qed jahlef il-falz u mhux semplicement zbaljat.

---

[178] Fol.1105
[179] Fol.845
[180] Fol.152-153
[181] Fol.153

7. Affidavit falz: Ma sarx *screed* minn Vella.[182]

Vassallo jibda biex jghid li, fil-presenza tieghu u dik ta' Tranter, Vella kien weighed li l-madum kien ser igibu mill-Ewropa u kellu jkun tal-istess ditta li kienu jimportaw Halman. Gara izda li gabu mic-China u meta ra li kien ser ikun hemm dewmien biex dan jasal, ippropona li jsir *screed* tal-konkos, process li kien jiehu aktar zmien.[183] *"Screed ikun maghgun bil-mixer, layer taht il-madum biex umbaghad il-madum inpogguh bil-kolla. Allura probabbilment veru seta` jigi ahjar imma flok ghamel lis-screed bil-konkos hu talabna sitt mitt lira Maltin (Lm600) dak iz-zmien u tlabnih biex jipprova jaghmel din il-famuza screed. Minfloki screed dawn in-nies li gab qabdu erba` (4) xkejjer siment, kien hemm ix-xahx mhux imwitti ghal-livell ix-xahx ta' taht il-madum u qabdu u ferxu dan is-siment fil-wicc illi one (1) huwa kontra s-sengha u kontra assolutament qatt ma taghmel dawn l-affarijiet, it-tieni (2) kellu jkun maghgun bil-mixer ghal-livelli, injoraw il-livelli u tefghu s-siment bl-addocc. Mela ma kellu l-ebda added value ghal finished product u dik ovjament ahna waqafniha mill-ewwel prattikament. Sadanittant ..... Ivan Pace li kien il-Perit responsabbli kien hareg il-variation pero` din il-variation umbaghad giet imwaqqfa immedjatament meta rajna li Joe Vella ma kienx qed jaghmel dak li ftehmna imma sempliciment jahli l-hin bil-Malti. Irrid nenfasizza wkoll minfuq jekk thares lejn minuta eight two eight (828) tat-two thousand and five (2005) titkellem propju fuq da nil-famuz subfloor u ha nikkwota:* ***"NV emphasis that the subfloor must be mixing using a mixer, emphasis that the subfloor must be mixed using a mixer. NV noted that the tiling late with dry mix is not staying in place. Joe Vella took note of this."*** *U dan kien fil-minuti fejn hemm l-eight two eight (828) u ghalina dik spiccat hemm ghax ma kienx qed jaghmel dak li ftehmna imma sempliciment jferrex is-siment. ….Kieku sari l-prezz b'li screed kif miftiehem halli fuqu jpoggih bil-kolla l-prezz miftiehem kien*

182 Fol.845
183 Fol.1109

*sitt mitt lira Maltin (Lm600) kull sular. Ovjament m'ghamel xejn minn dan, ovjament ma hallasniehx.".*[184]

Ma nagbu l-ebda provi indipendenti mid-dikjarazzjoni ta' Vella li jistghu b'xi mod jindikaw sal-grad mistenni li l-imputat f'din id-dikjarazzjoni kien inveritjier. Anzi ir-rapport tal-Perit Pace, li jerga' jissemma rigward il-punt nru.8, jkompli jikkorobora dak mistqarr minn Vassallo meta jixhed dwar ix-xoghol hazin maghmul minn Vella.

8. Affidavit falz: Kmamar mhux finalizzati.[185]

Biex jirrabatti l-allegazzjoni li kien qed jiddikjara l-falz Vassallo rrefera ghall-dokument maghmul nhar l-14 ta' Dicembru, 2005, mill-Perit Pace[186] li fiha *inter alia* jinghad: *"The undersigned Architect and Civil Engineer has been asked by Vassallo Builders to inspect and report on bad workmanship with reference with tiling works. The first inspection was carried out post termination of contract that is on the twenty-seventh (27th) October. An inspection was carried out to all tiled areas including public areas such as corridors, lounge and wellness centre, as well as the residential apartments spread over all floors. The levels of bad workmanship noted at the above place vary from minimal /repairs applications to complete replacement of tiled areas.".*

Dan id-dokument jissarraf f'kundanna inekwivoka tax-xoghol hazin li sar minn Vella fejn issir riferenza ghal *Non-alignment, Non-Continuos Joints, Cracked or Chipped Tiles,* u *Non-Homogenous Finish* f'dak li ghandu x'jaqsam ma tqeghid tal-madum kif wara kollox juri r-ritratti anessi mal-istess dokumentazzjoni.[187]

---

[184] Fol.1110-1111
[185] Fol.846
[186] **Dok.NV09** a fol.778
[187] Fol.778-790

Ghalhekk anke hawn ma ngabitx id-debita prova li l-imputat ddikjara l-falz fil-proceduri civili, anzi dak kkonstatat mill-Perit Pace, jsahhah l-verzjoni ta' Vassallo.

9: Affidavit Falz: Data tat-tkomplija estiza sal-15 t'Ottubru, 2005.[188]

Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 2017,[189] li saret riferenza ghaliha mill-istess imputat[190] u li l-Qorti qed tiehu *judicial notice* taghha, il-Qorti Civili Prim Awla wara li abbraccjat il-provi migbura mill-periti gudizzjarji[191] sabet li:

> *"Dan ukoll premess, jirrizulta mill-kuntratt bejn il-partijiet illi sar fil-10 ta` Gunju 2005 u mill-atti ta` wara :- ……*
>
> *ix) Jidher illi s-socjeta` attrici kienet diga` tardiva fil-programm taghha ghaliex it-tqeghdid tal-madum kellu jibda fil-4 ta` Lulju 2005 ; ….*
>
> *xii) Illi fil-minuti tal-laqgha tas-26 ta` Settembru 2005, inghad illi Nazzareno Vassallo direttur tas-socjeta` konvenuta avza lil Joseph Vella li x-xogholijiet kollha kellhom ikunu lesti sal-15 ta` Ottubru 2005 ;*
>
> *xiii) Illi fil-minuti tal-laqgha tat-3 ta` Ottubru 2005 jinghad illi : "NV reminded JV that by the 15th October, JV must vacate Prince of Wales having finalized the work as per commitment originally agreed upon with NV. Should JV fail to keep such commitment NV noted that the penalties noted in the contract will be acted upon in full force ;*
>
> *xiv) Illi meta saret il-laqgha tas-17 ta` Ottubru 2005, it-terminu tal-15 ta` Ottubru 2005 kien ghadda izda s-socjeta` attrici kienet ghadha ma lestietx ;…".*[192]

---

[188] Fol.850
[189] Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon; **Avantgardee Holdings Limited (C-27163) kontra Vassallo Builders Limited; (C-20882);** Rik. Gur. Nru. 305/08 JZM
[190] Fol.1113
[191] P.10
[192] P.24

Il-Qorti ghalhekk ma ssib xejn li jindika li Vassallo kien qed jahlef il-falz dwar dan il-punt mressaq mill-kwerelant Vella.

<u>10: Affidavit Falz: impjegati ta' Joe Vella ma kienux qed jithallsu; ma kienx qed itihom materjal. Il-kuntratt ta' Vella gie terminat</u>.[193]

L-imputat beda biex irrefera ghall-minuta tal-24 t'Ottubru, 2005.[194] Fil-minuta 1379/2005 jinghad *"JV was not present for the meeting. Stpehen attended the meeting in JV's absence, noting that JV was unwell and unable to attend. Stephen noted that as with effect from tomorrow, he will be terminating his employment with Avantgarde".*[195] Vassallo xehed *"Lili personali qalli kemm-il darba li Joe Vella ma kienx igibilhom il-grouting biex ma jispiccawx ix-xoghol halli allura ma jhallashomx ghax ix-xoghol ghadu mhux lest dika qalili kemm-il darba.".*[196] Imbghad ghamel riferenza ghall-telefonata li rcieva minghand Wasim (maghruf bhala Stephen) sabiex ikellmu: *"hu qalli li Joe Vella gieghelu jiffirma Affidavit, bicca karta qalli ma kienx jaf li jsejjhilha Affidavit dak iz-zmien, qalli li kellu gieghelu jiffirma karta li fl-opinjoni tieghu kienet taghmel hsara lili fil-Qorti mahsuba biex taghmel hsara lili, ma qrahiex, ma kienx jaf x'fiha pero` qallu jrrikattah u qallu jekk ma tiffirmahiex jiena ma nhallsikx. Milli jidher dan mar ha parir minghand l-Avukat tieghu u l-Avukat tieghu ovjament qallu li ghamel hazin li jffirma Affidavit minghajr ma jaf x'fih u ghamilulu haddiehor u tah parir li jigi jkellem lili u gie jghidli nfurmani……… Meta gie jghidli ghidtlu ghandek kopja qalli le ghax ma taniex kopja Joe Vella. Jiena ghidtlu lest illi ggibli kopja ha naraha u fil-meetings li naghmlu jkun hawn l-Avukat tieghi prezenti qalli m'ghandiex problemi, offrejtlu ghidtlu jekk trid gib lill-Avukat tieghek mieghek m'ghandiex problema. Bhala fatt gie xi granet wara, cempili qalli ghandi kopja f'idejja, gie kien hemm Aldo Vella u*

193 Fol.851
194 Fol.1114; vide fol.676 et seq.
195 Fol.676
196 Fol.1115

*ghajjat ukoll lil Jonathan Buttigieg li huma wkoll giex (2) Diretturi tal-Kumpanija. Malli Aldo Vella ghax jiena l-Affidavit qrah Aldo qallu taf xi tfisser din, qallu quddiem il-Qorti trid tghid il-verita` mhux li jiktiblek Joe Vella u keccih il'barra."*[197].

In kontro-ezami jixhed li ma Joan Bonanno hu qatt ma kien ltaqa'. Kien ser jinhareg *tender* izda l-prezz indikat minn Bonanno (f'isem Halman) kien esagerat izda sar minn kollox biex ix-xoghol jiehdu Halman.[198] Jikkonferma li hu ma kellu l-ebda rwol fi-*tendering process*, xi haga li hadet hsibha l-BCS, u li kien Vella li mar ifittiex lil Tranter u jitolbu jithalla jidhol ghal dan ix-xoghol.[199] Fl-*adjudication process* il-*bidders* kienu intalbu jirrevedu l-prezzijiet kif jixed it-tieni rapport.[200] Mitlub jispjega ghaliex fil-kors tal-proceduri civili hu ma kienx semma' numru ta' kontendituri, u cioe` lil Bathroom Design, Banju Boutique u Meli Bugeja, jispjega li hu kien ipprepara dawk it-twegibiet wara li kien tkellem mal-Perit Rossignaud ta' BCS Ltd., li kienet il-kumpanija li harget it-*tenders*. Irrizulta li ma kienx hemm Banju Boutique u Meli Bugeja izda Rossignaud issugerixxa li dawn jigu mistiedna jaghtu *quotes* ukoll. Ikompli *"Sa dakinhar ma kellhiex access f'idejja tal-Adjudication Report ghamiltu meta kont qed nipprepara n-noti tal-lum minhabba r-repetition u l-konvinzjoni ta' Joe Vella li alla jbierek jaf x'hemm fil-Kumpanija taghna li hija Hal Mann biss li tenderjat skont Joe Vella u tella` lil dawn in-nies biex jixhdu*[201]*....[dwar Mark Anthony tabone tal-Bathroom Design] Fid-diskussjoni li kelli mal-Perit Rossignaud kien imnizzel bhala wiehed minn dawk li kellhom jigu invitati. Jekk baghtilhomx l-ittra u njorawha jista` jkun, hadd ma jiftakar tircievi ghal quotes, ahna kull filghodu nircievu ruxmata ta' quotes. Jekk isaqsieni inti erbatax (14)-il sena ilu rcevejtx talba ghal quote minghand xi hadd nahseb nghidlek qed timmagiena hafna minghandi. Voldieri dan qed nghidlek jien x'qalli l-bniedem*

[197] Fol.1115-1116
[198] Fol.1126
[199] Fol.1127
[200] Fol.1128
[201] Fol.1130-1131

*responsabbli minn dan il-process. Il-Perit Edgar Rossignaud u l-Perit Ivan Pace ghax kien jidhol fid-dettalji kollha li huma hargu t-tenders, ircievewhom, ghamlu l-adjudication, ghamlu diskussjonijiet biex jirrevedu l-prezzijiet u skont ir-rapporti kollha rrevedew il-prezzijiet. U bejn l-ewwel wiehed u t-tieni wiehed dahlu ohrajn fosthom Aldo Vella li dahal wara.".*[202] Vassallo jikkonferma li Vella kien risponsabbli mit-tqeghid tal-madum kif jixhed il-kuntratt *"from A to Z...Tal-progett kollu ta' Prince of Wales....".*[203]

Dwar il-minuta 1175 l-imputat jerga' jiddikjara *"...li naf biss illi l-minuta one one seven five (1175) meta kont qed naghmel ir-risposti tieghi Ghawdex ma kinietx fil-kopji, photocopies li jiena kelli, nista` nahilfu kif hliftu diga` fuq, tlabtu jurihili lil Joe Vella biex nirrispondih there and than, ma jpprezentahiliex. Is-seduta ta' wara ergajt tlabtu ghadek ma gibtliex il-one one seven five (1175) ha nirrispondik. It-tielet darba mbaghad jibghat ghalija l-Ispettur Abdilla biex ikellimni fuq il-one one seven five (1175). Illum naf ghax fil-Process ta' din il-kawza li din il-famuza one one seven five (1175) kienet zbaljata minn Neomi Zarb…… Tant 'ghandiex relevanza l-one one seven five illi fis-sitta u ghoxrin ta' qabel sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru suppost ghamlu dak ix-xoghol. X'relevanza ghandha fit-tlieta (3) t'Ottubru li jista` jibda mhux jispicca ta'. Hu qed jghid li sat-tnejn (2) t'Ottubru ta programm u jpprezentat minn Joe Vella nnifsu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru qieghed ipprezentat dalghodu hawn il-Qorti li kellu jispicca sa l-inqas haga. Mir-rapport tal-Perit nafu xi spicca sa xahar wara.".*[204]

L-imputat itemm ix-xhieda tieghu billi jishaq li dak li kien xehed kien ibbazzat fuq il-memorja tieghu kif ukoll minn dokumenti li kellu fl-ufficju *"Lanqas nista` nghid li mid-dokumenti kollha li hemm l-Ufficju allahares ghax kieku ridt niddedika xi*

[202] Fol.1132
[203] Fol.1136
[204] Fol.1141-1142

*sitt (6) xhur. Imma ahna dak li xehedt jien ippreparajtu jiena, ghamilt in-noti ghax nafu li l-parti l-ohra tfittex il-commas u jekk hemm xi comma zejda tmur biha ghand l-Ispettur allura qghadt attent, ktibt, ghamilt il-points ghalija biex inkun nista` nirraporta dak li jrraportajt"*[205].

Wara li kkunsidrat ix-xhieda tal-imputat Vassallo u rat dak li xehed Vella u d-dokumentazzjoni esebita minnhom, il-Qorti tqis li mhux talli l-ispjegazzjonijiet moghtija minn Vassallo jilhqu l-grad tal-probabbli, il-grad ta' prova mistenni mid-difiza, izda sahansitra f'hafna aspetti jsibu pjena korroborazzjoni minn xhieda ohra. Imiss ghalhekk li tigi kkunsidrata din ix-xhieda u kif din isservi sabiex jigu mminati l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Il-Perit Ivan Pace** li **jikkorrobora dak mistqarr mill-imputat li kien hemm xi forma ta' tender, li kien hemm *bad worksmanship* da parti ta' Vella u li sahansitra fil-proceduri civili kien ipprezenta minuti mhux aggornati** kif ser jintwera aktar il-fuq, beda biex jispjega li fiz-zmien li sehh dan il-kaz kien perit mad-ditta Building Consultancy Services Ltd (BCS Ltd.), sussidjarja ta' Vassallo Builders li kienet responsabbi mill-kostruzzjoni u d-disinn strutturali tal-binja Prince of Wales. **Id-ditta giet inkarigata minn CareMalta biex jinhareg *tendered document*** u hekk kif jintghazlu l-*bidders* jiehdu hsieb il-*contract management* taghhom.[206] It-*tendered document* inhareg abbazi tad-disinn li ghamlet il-kumpanija Architectral Projects. Izid *"Care Malta Vassallo Builders ahna nirreferuhom bhala kappa wahda kellha pool ta' kuntratturi jigifieri li kienet is-soltu tahdem maghhom u **<u>ma kinitx tender li kienet tigi publikata</u>** u, qed tifhem konna nigu moghtija struzzjonijiet per ezempju dawn l-ghaxar kuntratturi u nibghatulhom it-tendered document imbaghad ovvjament jekk humiex interessati jissubmittjaw jew le kienet affari taghhom…. kien hemm Satariano, kien hemm Josie's,*

[205] Fol.1143
[206] Fol.1156

*kien hemm il-Bathroom Design, Alex Vella Falzon minghalija… kien hemm ukoll ghax dik ovvajment niftakarha ghax kienet ghamlet is-sample Joan Vella ta' Halmann. Kien hemm xi hadd iehor zgur".*[207] Wara li sar *adjudication report* u kien qed jigi diskuss liema offerta kienet ser tintghazel Tranter ipprezenta lil Joe Vella lill-imputat u ttiehed jara s-*sample room* biex ikun mgharraf bil-kwalita` mistennija. Vella ghamel offerta lil Vassallo kif ukoll tah iz-zmien li fih kien ser ilesti l-progett, *"Joe Vella biex naghmilha cara ma kienx parti mill-ewwel team ha naghmlu hekk jew mill-pakkett tal-offerti li kienu dahlu originarjament".*[208] Ikkonferma li Vassallo kien ikun ltaqa' ma kull kuntrattur u dawn jibdew jaghtu *discounts* biex jirbhu x-xoghol huma. Pace li kien ilu impjegat ma Vassallo mill-2000 jiddikjara li l-imputat ma kienx wiehed lest li jaghmel *deposits* qabel ma jinbeda x-xoghol izda fil-kuntratt ma Vella sar *deposit* ta' Lm10,000. [209] F'dan l-aspett ukoll jigi kkorroborat Vassallo li kien xehed li ma kienx wiehed li jaghmel *deposits*.

**Il-Perit Edgar Rossignaud** xehed li kien direttur **f'**Building Consultancy Services Limited u li x-xoghol relattat mal-progett Prince of Wales thalla f'idejn il-Perit Ivan Pace. Jispjega *"Ahna normalment konna naghmlu **dokument ta' tender fejn nitolbu l-kuntratturi nominati generalment ghal prezzijiet taghhom**, u imbaghad nevalwaw dawk il-prezzijiet li nircevew u l-kumpanija tiddeciedi lill min ha tqabbad…. ic-Chairman tal-kumpanija kien jghidilna niehdu quotation lill dawn id-diversi nies li hu kellu fiducja fihom ghax kien hadem maghhom band'ohra u li jaf li jaghtu xoghol tajjeb u li jaf li jistghu jaghtu prezz tajjeb ukoll. Tlabnihom il-prezz taghhom u konna nohorgu din it-tender u nircievu l-prezzijiet taghhom imbaghad nohorgu din l-evaluation sheet".* Gharraf dokument mahrug mill-kumpanija tieghu fejn gew elenkati l-prezzijiet sottomessi ghat-*tiling*. [210]

---

[207] Fol.1157
[208] Fol.1158
[209] Fol.1159
[210] Fol.1161-1162. Vide dokumenti a fol. 1075 et seq

**L-avukat Dr. Aldo Vella,** direttur f'Vassallo Builders Limited u konsulent legali tal-kumpanija jiddeskrivi episodju li jikkorobora aspett iehor li xehed dwaru l-imputat. L-avukat Vella xehed kif fi Frar, 2014, ipprezenta talba lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga ulterjorment il-kaz;[211] talba li giet ghal kollox injorata tant li f'April intbghat *reminder*[212] li skond l-istess avukat baqa' ma rcieva lanqas *acknowledgement* taghha: *"Jien ktibt f'sens oppost fis-sens illi jien ktibt lill Kummissarju li l-allegazzjoni maghmula minn Joseph Vella fil-konfront ta' Nazzareno Vassallo kienet falza u tlabtu jinvestiga. Ma rcevejt xejn lanqas acknowledgement, baghttlu reminder mill-memorja u sallum ghadni ma ircevejt assolutament xejn.".*[213]

Dr. Vella imbghad xehed dwar l-episodju msemmi mill-imputat li kien serva bhala r-raguni propju tat-talbiet tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija: *"Jien immur ghand Vassallo Builders ghax il-Board Meetings hekk jsiru nhar t'Erbgha jigifieri jien kull nhar ta' Erbgha dejjem hemmhekk u darba minnhom is-sur Vassallo kien qalli li dak inhar kellu jigi xi hadd Gharbi ma niftakarx x'jismu illi ried ikellem lis-sur Vassallo u s-sur Vassallo kien talabni biex inkun prezenti ghal dak il-meeting. Dan il-meeting sehh wara nofsinhar <u>konna prezenti s-sur Vassallo, dan l-Gharbi Steve minghalija kellu isem imma kellu isem Gharbi ikkumplikat u Jonathan Buttigieg</u> li huwa Commerical Manager sa fejn naf jien. Minn dak li spejgali s-sur Vassallo qabel il-meeting, dan Steve kien kellmu diga lis-sur Vassallo u min dak li irrakkuntali s-sur Vassallo Steve apparentement kien qieghed jilmenta li Joe Vella tal-Avant Garde ma halsux,qal ukoll li kien ghamel xi affidavit u dan kien weghdu li jekk jaghmel dak l-affidavit jithallas, eventwalment ma thallasx imma dan x'qalli s-sur Vassallo. Fejn kont involut jien direttament f'din il-laqgha,* ***dan Steve ipprezenta kopja tal-affidavit li gab minghand Joe Vella tal-Avant Garde, qal fil-prezenza tieghi illi kien jaf***

---

[211] Fol.1051
[212] Fol.1050
[213] Fol.1165-1166

***x'kien fih l-affidavit biss wara li Joe Vella kien tah kopja, ghax qal tajjeb jew hazin li meta iffirma ma kienx jaf x'inhu jiffirma, u fil-prezenza tieghi ukoll qal li kellu jiehu flus minghand Joe Vella u jekk kemm il-darba Zaren Vassallo jhallsu, allura hu jaghmel affidavit iehor biex jwaqqa' dak l-affidavit li kien ippreparalu Joe Vella.*** *JIen hemmhekk qbizt jien u ghedtlu dawn l-affarijiet ahna ma naghmluhomx inti obbligat bil-gurament li tghid il-verita' hi x'inhi l-verita' l-verita' trid tghid mhux inhallsek biex tghid dak li jaqbel lilek jew dak li ma jaqbilx lili. U waqfet hemmhekk…. dak inhar telaq l'barra issa eventwalment fil-kors tal-kawza Civili dan gie prodott bhala xhud min Joe Vella biex jikkonferma l-affidavit li kien ippreparalu Joe Vella jien affrontajtu b'dak li kien gara f'dik il-laqgha fejn kont prezenti jien u giddibni qalli mhux veru u jien irrispondejtu giddieb int u mhux jien u waqfet hemmhekk.".*[214]

**Alex Tranter** xehed li kien hu li laqqa' lil Vella mal-imputat.[215] Ikkonferma li **Vella kien twaqqaf milli jkompli x-xoghlijiet peress li dan ma kienx *up to standard.***[216]

**Jonathan Buttigieg** spjega li kien hu li assista lil Dr. Aldo Vella fil-kumpilazzjoni tad-dokumenti fil-proceduri civili li saru bejn Vassallo Builders u Avantgarde u senjatament il-gbir tal-minuti.[217] Bhala direttur kummercjali kien responsabbli fuq *contractual issues* ma klijenti u sub-contractors. Filwaqt li pprezenta dossier b'*sequence of events,* iddeskriva kif kull nhar ta' Tnejn kienu jsiru *progress meetings* fuq il-progett li l-minuti taghhom kienu jittiehdu w jitqassmu minn Gillian Mahoney.[218] Bejn id-9.06.05 u 21.11.05 kien hemm 24 il-meeting li fi tlettax minnhom ittiedhu l-minuti li gew mqassma b'*email.* Minn

[214] Fol.1165
[215] Fol.168
[216] Fol.1169
[217] Fol.1173-1174
[218] Fol.1174

dawn l-24 *meeting* instabu 6 *meetings* li l-minuti taghhom gew emendati. Kompla jghid li **l-minuti li gew esebiti minn Dr. Zammit Maempel fil-kors tal-proceduri civili ma kienux korretti peress li l-istess minuti kienu gew emendati.**[219] Jaghti aktar dettalji dwar dan il-punt li hu krucjali peress li jimpingi direttament fuq il-mertu tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat u senjatament dak li jirrigwarda l-akkuza li Vassallo iffalsifika dokument jew ghamel uzu minn dokument falz kif ukoll l-akkuza ta' spergur. Hu ghalhekk li l-Qorti ser tikkwota *in extenso* mix-xhieda tieghu.

Jixhed li fiz-zmien tal-kawza civili gew mitluba minn Stephen Azzopardi, li kien mitlub jaghti x-xhieda tieghu f'dawk il-proceduri rigward il-minuta 1175. Peress li  ma kienx ghadu impjegat ma Vassallo Group, talabhom jghaddulu kopja ta' dawk il-minuti, il-kopja li kien inghata ma kienx fiha il-minuta 1175. *"…**jiena kont qbadt l-arch lever file fejn kien hemm il-minuti u hadt photocopy taghhom** <u>**u dik il-kopja li kellna fl-arch lever file kellna dawk il-minuti neqsin**</u>. Jiena x'ghamilt umbaghad? Tlabt lil IT Department taghna li kienet Yanica Farrugia dak iz-zmien tmexxiena u hi sabitli email li huwa nattacja kopja Dok. JB02 li tikkonferma li kien hemm korrispondenza bejn Neomi Zarb [recte: Gillian Mahoney] li dak iz-zmien kienet hadet il-minuti tal-meeting tat-tlieta (3) ta' Ottubru….. JB01*[220] *….. Qabel is-seduta Civili jiena kont gejt mitlub biex insib dik il-minuta nieqsa u kont tlabt lil IT Department li dak iz-zmien kienet Yanica Farrugia biex tassistini go anka forsi xi electronic records u sabitli trasmissjoni ta' email bejn Neomi Zarb datata erbatax (14) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u hamsa (2005) bejnha u bejn Steve Azzopardi li kien il-Project Manager taghna fuq dak il-progett. Inzertat li dak is-sett ta' minuti tat-third (3rd) of October hadithom Neomi Zarb <u>[recte: Gillian Mahoney]</u>*[221] *…… Issa jekk tiftah id-dokument JB02*[222]*…..[L-attachment]...L-attachment kien fih zewgt (2) pagni*

[219] Fol.1175
[220] Fol.1196-1200
[221] Vide fol.1197
[222] Fol.1201-1203

*ttitolati amendments to minutes u jibdew minn one one six six (1166) tat-two thousand and five (2005) u jispiccaw bil-minuta one one seven five (1175) tat-two thousand and five (2005). Issa jien meta sibt din peress li kien lejliet is-seduta li jmiss tal-kawza Civili ma jpprezentajtiex mal-ewwel ghax ma kelliex spjegazzjoni taghha at that point in time.".*

Il-Qorti tissottolineja li mid-dokumentazzjoni esebita mill-istess xhud jirrizulta li l-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005 ittiehdu minn Gillian Mahoney izda Naomi Zarb kienet ukoll ircevithom wara li fis-7 t'Ottubru, 2005 Mahoney bghatet kopja tal-minuti lilha wkoll.[223]Zarb stess fix-xhieda taghha tghid li kienet darba biss li hadet il-minuti hi u dan kien meta Gillian Mahoney ma kienitx prezneti; kif jirrizulta li sehh mill-minuti tal-10 t'Ottubru.[224]

Buttigieg jixhed li sa dak iz-zmien ma kienux jafu li Vella kellu minuti differenti.[225] Bejn seduta u ohra hu baqa' jfittex kif jikkonferma JB04[226] liema tfittxija ma sabet xejn gdid ghajr ghaz-zewg folji li kienu l-*amendent sheets*.

> ***"Qorti: Jigifieri s-Sur Vassallo dak kollu li ghamel, dak kollu li qal, dak kollu li seta` jkkonstata jew wera quddiem ....huwa a bazi ta' dak li l-impjegati tieghu qalulu u jrreferewlu.***
>
> ***Xhud: Preciz[227]........ Jiena dan id-dokument ilu jppreparat minghandi, dan id-dokument ilu jppreparat nahseb iktar minn tlett (3) snin qabel ma bdiet din. Jigifieri jiena kont lest li mmur inkellem lis-Sur Abdilla biex nghidlu isma` dan hekk, hekk, hekk u hekk.*** *Anyway. Mela Dok. JB06[228] ukoll qed jerga` wara li s-seduta regghet saret seduta ohra rega` gie mistoqsi rigward minuta one one seven five (1175) u rega` spjega Steve li fuq domanda tal-Perit Legali jekk tlabtx kopja tal-minuti neqsin gejt infurmat mis-Socjeta`*

---

223 Vide **Dok.JB01** a fol.1196
224 Fol.248
225 Fol.1175-1176
226 Fol.1205-1207
227 Fol.1179
228 Fol.1210-1211

*Konvenuta li aktarx kien hemm pagna nieqsa mill-iscan. Din ovjament, dak huwa l-kas li ahna qed nghidu. Pero` din ma waqfitx hemm u l-Arbitri hasshom li kelli nitla` jien nixhed quddiem l-Imhallef Zammit McKeon biex jien naghti l-istess spjegazzjoni li qed naghti l-Onorevoli Qorti llum ta' x'kien gara f'dak il-process fis-sena elfejn u tlettax (2013). U qed nanessa Dok. JB07*[229] *li huwa kopja tat-traskrizjoni tieghi, tax-xhieda tieghi bil-kontroezami dak li kont xehedt quddiem l-Imhallef Zammit McKeon.*

*Dr. J. Giglio: U gahl kull buon fini dak li xehedt dakinhar tikkonfermah quddiem din il-Qorti.*

*Xhud: Qed nikkonfermah quddiem din il-Qorti u wkoll followed up Dok. JB08*[230] *…"*[231].

Buttigieg ikompli ***"Jigifieri kif ghidt qabel u kif dejjem xehedt fil-kopja taghna l-one one seven five (1175) m'hiex qeghda fil-hard copies taghna."***[232]**.** Skond ix-xhud jirrizulta li <u>Azzopardi ma kienx moghti kopja tal-minuti tat-3 t'Ottubru, qabel ma marru ghal meeting tal-10 t'Ottubru. Kien biss f'dan il-meeting li nnutaw li kien hemm bzonn bidla fil-minuti tat-3 t'Ottubru</u>***: " Mela l-meeting tat-tenth (10***$^{th}$***) of October il-minuti tqassmu Friday, seventh (7***$^{th}$***) October il-minuti that were incorrect biex niftehmu. Mela meta marru ghal meeting tat-tenth (10***$^{th}$***) of October kellhom verzjoni ta' minuti li kellha bzonn tigi mibdula*** *….Imma* ***fit-tenth (10***$^{th}$***) of October indunaw illi kien hemm bzonn isiru dawn l-amendments….. U dik il-gimgha between meeting and another between the tenth (10***$^{th}$***) and seventeenth (17***$^{th}$***) of October kien hemm din il-korrispondenza bejn Neomi Zarb u Steve Azzopardi fejn Steve ikkoregilha l-minuti u qalha isma` print these out and bring extra copies on site. U dawn gew, l-amendi gew ipprezentati during the meeting of seventeenth (17***$^{th}$***) of October, two thousand and five (2005).***

229 Fol.1212-1225
230 Fol.1226-1228
231 Fol.1180
232 Fol.1181

***Qorti:Jigifieri dawk il-minuti tas-seventeenth (17th) October, dawn huma bazikament il-minuti li wiehed kellu joqghod fuqu biex jistrada ruhu anka f'dawn il-proceduri.***

***Xhud: Preciz…..*"** [233].

Simili ghal dak li sehh waqt ix-xhieda ta' Naomi Zarb, anke hawn Buttigieg jiehu l-istess zball meta jghid li Zarb hadet il-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005 meta fil-fatt tant kienet Mahoney li hadet dawk il-minuti li baghtithom b'email fis-7 t'Ottubru, 2005.[234] Il-minuti nfushom tat-3 u tal-10 t'Ottubru, 2005 huma xhieda li Mahoney kienet prezenti fil-*meeting* tat-3 izda mhux f'dak tal-10 t'Ottubru.[235]

Buttigieg jaghmel riferenza ghall-zball iehor da parti ta' Azzopardi u cioe` dwar il-fatt li meta dan kiteb lil Zarb fil-15 t'Ottubru, jindikalha li dawn kienu l-minuti tat-3 t'Ottubru meta fil-fatt kienu tal-10 t'Ottubru tant li jirrefri ghal *"last Monday's meeting"*.[236] Ix-xhud jghaddi biex jispjega li dan jirrizulta cjar anke mill-kronologija tal-minuti stess "*Kull minuta kien ikollha a unique reference number. Mela jekk dan il-meeting tat-tenth (10th) of October, tat-third (3rd) of October kien jibda b'minuta 1162/2005 u kien jispicca b'minuta 1223/2005, il-meeting tat-tenth (10th) of October kien jibda b'minuta 1224/2005. Mela hu kien specifikment ikkoregi minuta one one seven five (1175) li kienet unique to the meeting of the third (3rd) of October, hija semplice"*[237].

[233] Fol.1179-1183
[234] Doc.JB01 a fol. 1196-1200.
[235] Vide fol.243 u fol. 248
[236] Fol.1185
[237] Fol.1186

Buttigieg jikkonferma punt iehor li gja ssemma kemm mill-imputat kif ukoll minn Alex Tranter u cioe` li f'26 sena ma Vassallo Builders l-unika darba li su-contractor twaqqaf milli jkompli x-xoghol kien propju f'din l-okkazzjoni. Flimkien ma Vassallo kienu taw ittra ta' twissija qabel ma tterminaw l-kuntratt lil Joe Vella. [238]

Lejn tmiem ix-xhieda tieghu jkompli jitfa dawl fuq dak li sehh fil-meeting ma' Wasim. *"Wara l-Board Meeting jghajjtilna s-Sur Vassallo jghidilna ejjew wahda halli ghandi xi hadd nixtieqkom tisimghu x'ghandu x'jghidli .....is-Sur Vassallo qalilna dan kien gie jkellimni ftit gimghat ilu insomma u tlabtu biex jerga` jigi u jkellimni quddiemkom halli tisimghu wahda. U dan beda jitkellem u qalilna ghax jien Joe Vella ma kienx ihallasni u spiccajt qieghed bla flus, qalli u jien irid nitlaq mill-pajjiz. Qal pero` jekk niffirmaw din il-karta li kienet l-Affidavit kien lest li jhallasni u dan qalilna li jffirmaha minghajr ma ra d-dokument, lanqas kif jaf x'qed jiffirma u Joe Vella baqa` ma hallsux. U qalilna imma jiena naf ghandijkun Dr. Aldo Vella qallu inti taf x'qed tghid, speci din hija xi haga serja x'jismu. Qallu iva jiena pero` lest illi naghmel ghandijkun la naf kontro-affidavit, document iehor qal illi jien nixhed li dak li xehedt fl-ewwel dokument mhux il-verita` u nghid il-verita` issa. Qal pero` jiena jekk tghiduli li intom thallsuni dak li ghandi niehu lest li naghmilha. U dak il-hin Dr. Vella tah mhux ha nghid tghajjira qallu isma` ahjar titlaq il'barra minn hawn ghax din vera xi haga serja. U dan telaq spicca.".* [239]

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Ikkunsidrat,

[238] Fol.1190
[239] Fol.1192

L-ewwel imputazzjoni hi dik ravvizata bl-Artikolu 103 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

> *103. Kull min, fi proċeduri ċivili jew kriminali, iġiegħel li jsir, jew xjentement iġib, dokument falz, jeħel l-istess piena bħall- awtur tad-dokument falz*

Il-prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha dwar din l-imputazzjoni fuq il-fatt li deher li kien hemm zewg verzjonijiet tal-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005. Kif il-qorti gja kellha okkazzjoni issemmi aktar il-fuq meta giet kkunsidrata t-testimonjanza u gew evalwati numru ta' dokumenti, id-difiza ressqet provi sufficjenti li jnisslu dubbji sostanzjali fil-kaz tal-prosekuzzjoni.

Intwera li dak li sehh fil-kors tal-proceduri civili kien dovut ghall-serje ta' malintizi meta Azzopardi baghat *email* lil Zarb li kienet tikkontjeni l-emendi tieghu ghall-minuti tal-10 t'Ottubru, izda li hu erronjament rrifera ghall-minuti tat-3 t'Ottubru. Intwera wkoll li dawn l-emendi baqghu ma gewx inseriti fil-minuti tas-17 t'Ottubru biex il-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005 baqghu jidhru bhala mhux emendati, propju kontra dak li jixhed li sehh Steve Azzopardi, li kien il-persuna li ghamel l-istess emendi!

Dan jigi kkonfermat minn Jonathan Buttigieg fejn dan tal-ahhar jiddikjara li kien hu li kkompila d-dokumenti ghall-imputat u fuq liema dokumenti l-istess imputat sejjes ghal kollox l-affidavit u x-xhieda tieghu. Buttigieg ikompli jixhed li dak kollu li stqarr quddiem il-Qrati Nazzareno Vassallo kien ibbazzat fuq informazzjoni miksuba minghand l-impjegati tieghu:

> ***"Qorti: Jigifieri s-Sur Vassallo dak kollu li ghamel, dak kollu li qal, dak kollu li seta` jkkonstata jew wera quddiem ....huwa a bazi ta' dak li l-impjegati tieghu qalulu u jrreferewlu.***

***Xhud: Preciz"***[240]

Irrizulta wkoll li l-posizzjoni ezatta (dwar l-istat tax-xoghlijiet li jirrigwardaw lil Vella) kienet dik li tirrizulta mill-minuti tal-meeting tal-17 t'Ottubru, 2005:

> ***"Qorti: Jigifieri dawk il-minuti tas-seventeenth (17th) October, dawn huma bazikament il-minuti li wiehed kellu joqghod fuqu biex jistrada ruhu anka f'dawn il-proceduri.***
>
> ***Xhud: Preciz….."*** [241].

Rigward l-affidavit maghmul mill-imputat, gja` saret riferenza ampja ghal dak li xehdu diversi xhieda fosthom il-Perit Pace, Steve Azzopardi, Alex Tranter u Jonathan Buttigieg, fejn intwera li **hafna mit-twegibiet moghtija minn Vassallo kienu kkorroborati minn dak li stqarru quddiem din il-Qorti**.

Intwera li kien minnu li <u>kien hemm kontendituri</u> ohra ghalkemm l-abbli difiza, kif tissotometti bil-miktub, tipprova tnissel dubbju dwar l-awtenticita` tal-imsemmi *adjudication process*. Wara kollox kien <u>l-istess Vella li *viva voce* xehed kif Tranter kien avvicinah u nfurmah li kienu nsew jgħidulu biex jippartecipa f'*tender,*</u> staqsieh riedx jippartecipa tant li baghtu ghand Vassallo Builders sabiex il-Perit Ivan Pace itieh kopja tal-*bill of quantity*.[242] Allura **<u>kif jista' qatt jigi allegat li Vassallo kien qed jixhed il-falz meta halef li kien hemm kontendituri ohra?</u>**

Il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddubita mix-xhieda tal-Periti Rossignaud u Pace, kif lanqas ma ngabet xi prova li timmina l-awtenticita` tad-

---

[240] Fol.1179
[241] Fol.1183
[242] Fol.428

dokumentazzjoni li permezz taghha il-kontendituri l-ohra, inkluz Bonanno, gew infurmati li l-offerta taghhom ma gietx milqugha.[243] Huma l-istess Pace, Buttigieg u Azzopardi li jixhdu dwar ix-xoghol hazin da parti tal-kwerelant u d-dewmien biex jitlesta x-xoghol li kien intrabat li jizvolgi; ma nagbet l-ebda prova li b'xi mod tersaq biex iddghajjef il-valur probatorju ta' dik ix-xhieda.

Mill-banda l-ohra il-**Perit Pace jikkoncedi li l-minuti 1175 li kien esebixxa hu mal-affidavit tieghu**, liema minuti l-kwerelant jissottometti li kienu dawk originali u li sussegwentement gew mbghabsa mill-imputat u ghalhekk **il-pern tal-akkuzi ta' falsifikazzjoni addebitati lill-imputat, ma kienux il-minuti aggornati**

> *"Dr Giglio: U allura qed tikkonferma li dak li attachjajt mall-affidavit imqar f'din in-nota biss, imqar f'din in-nota biss, ghandha zball.*
>
> *Xhud: Mhux hekk.* ***Jista' jkun li l-minuti li jiena pprezentajt mall-affidavit ma kinux dawk aggornati.*** *… jiena l-minuti kont intihom lis-segretarja tiffajlja hi, jigifieri hemm hafna lok ta' errors hux human errors."*[244]

Minn naha tieghu Steve Azzopardi xehed li <u>l-minuti tat-3 t'Ottubru ricevihom b'email fis-7 t'Ottubru w baghthom lura bl-emendi tieghu fil-15 t'Ottubru, f'liema emendi **kien hu li nehha l-frazi**</u> ***"Note: JV may commence works on rooms _08 by tomorrow"***[245]. **L-emendi tieghu baqghu ma gewx inseriti fil-minuti tas-17 t'Ottubru.**[246] Hu ghalhekk li Buttigieg jixhed li bhala *hard copy* fil-files ta' Vassallo Group ma kienx hemm kopja ta' l-emenda 1175 ***"Jigifieri kif ghidt qabel u kif dejjem xehedt fil-kopja taghna l-one one seven five (1175)***

[243] Fol.1242-243
[244] Fol.1016
[245] Fol.999
[246] Fol.1000

***m'hiex qeghda fil-hard copies taghna."***[247]**.**Kif qatt seta' l-imputat Vassallo jesebixxi dak li ma kienx fir-records moghtija lilu?

F'dan l-isfond jigu mfakkra l-kliem ta' Naomi Zarb li b'onesta tistqarr li *"Jekk niftakar apparti l-post li konna ltqajna **kont sibtha difficli biex insegwi** ghax ovvjament jiena ma kontx naf, kont ghadni kemm nibda u ma kienx ix-xoghol tieghi dan ghax jien mhux bhas-segretarja*…. ***I couldn't understand what was going on.***"[248]

Rilevantissima wkoll, tenut kont tal-ispjega li taw Azzopardi w Buttigieg meta jixhdu li l-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005, spiccaw jigu emendati fil-meeting tas-17 t'Ottubru, 2005 u kienu dawn  il-minuti, tas-17 t'Ottubru, 2005, li wiehed kellu joqghod fuqhom biex jistrada ruhu dwar il-progress o meno fix-xoghlijiet.

Imbghad insibu kif Azzopardi u Buttigieg t-tnejn jikkonfermaw li l-minuti tat-3 t'Ottubru, 2005, spiccaw gew emendati wara l-meeting tal-10 t'Ottubru, 2005.[249] Azzopardi jikkonferma li **l-minuti tat-3 t'Ottubru gew *remarked upon* fil-laqgha tal-10 t'Ottubru meta kien hemm Naomi inkarigata mit-tehid tal-minuti. B'konsegwenza wara l-laqgha tal-10 t'Ottubru, Naomi baghtitlu l-minuti tat-3 t'Ottubru**. **Hu baghthomlha lura b'xi *amendments* li jidhru a fol.56-57 u ghalhekk l-minuti tat-3 t'Ottubru kellhom jigu emendati. Dawn fil-fatt gew cirkolati u prezentati fil-meeting tas-17 t'Ottubru,** peress li l-*email* intbghatet is-Sibt 15 t'Ottubru u *meetings* kienu jsiru kull nhar ta' Tnejn. [250] In segwitu ta' dawk l-emendi kien hu li nehha l-frazi***"Note: JV may commence works on rooms _08 by tomorrow"***[251] **u mhux Nazzareno Vassallo biex**

[247] Fol.1181
[248] Fol.870-872
[249] Xhieda Buttigieg a fol.1183.
[250] Fol.983-984
[251] Fol.999

**jiggwadanja vantagg fil-kors tal-proceduri civili istitwiti fil-konfront tas-socjeta` tieghu!!**

Laqas ma tista' l-Qorti tiskarta s-sinifikat tad-dikjarazzjoni ta' Gillian Mahoney li ma setghetx tikkonferma jekk setghax kien il-kaz li l-emendi ta' meeting jinqabzu fil-meeting li jmiss;[252] kif jirrizulta li gara fil-kaz odjern.

Jissiggilla l-kwistjoni il-Perit Pace meta jixhed li sal-meeting tat-3 **t'Ottubru l-kmamar 508 u 608 kienu tlestew u dawk 208, 308 u 408 kienu** ***work in progress*** **u ghalhekk altru li x-xoghol ma riedx ghadu jinbeda skond ma kien qed jikkontendi Vella meta dan jaghmel riferenza ghall-frazi** ***"Note: JV may commence works on rooms _08 by tomorrow"***[253]**.**[254] **Ma jonqosx milli jikkonferma li l-minuti originarjament esebiti minnu, li jsawru il-pern tal-akkuzi addebitati lil Vassallo, ma kienux il-minuti aggornati.** [255]

Ghalhekk tenut kont ta' dawn ir-rizultanzi, din il-Qorti ma tistax issib lil imputat hati tal-ewwel imputazzjoni.

<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>

L-imputat ukoll jinsab akkuzat b'dak mahsub taht l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Cauchi** il-Qorti ghamlet ezami *funditus* dwar l-elementi rikjesti biex jissawwar dan ir-reat:[256]

---

[252] Fol.868
[253] Fol.884; Kopja a fol.888
[254] Fol.1015
[255] Fol.1016
[256] Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 7 ta' Frar, 2013; Numru. 97/2009

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-ispergur a tenur tal-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat hekk imsejjah judicial jew legal perjury. Dana jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti.

L-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li huwa distint minn dak li jsehh fil-kawzi kriminali. Id-distinzjoni bejniethom hija biss ghal dak li jirrigwarda l-piena u dana peress illi l-elementi li jsawwru r-reat tal-ispergur huma identici ghaz-zewg istanzi. X'inhuma ghalhekk l-elementi legali li huma necessarji sabiex tista' tinstab htija ghal dana r-reat.

L-artikolu 106 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura tal-affidavit li issa saret parti mill-ligi procedurali taghna. Illi l-**Giuseppi Falzon** fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-ratio ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:
*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena ighid l-**Antolisei**:
*"L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena….. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza."*[257]

[257] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal miscarriage of justice, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghall-gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawwru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana r-reat tal-judicial perjury cioe':

*"(i) a testimony given in a cause.*
*(ii) on oath lawfully administered by the competent authority.*
*(iii) falsity of such testimony in a material particular.*
*(iv) willfulness of such falsity or criminal intent."*

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendent quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo jghid:

*"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision".*

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-**Manzini** dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' *" l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza."*[258]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghall-kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **<u>fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo jghid: *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause….. the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and*

[258] Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."* Ikompli jikkwota dak li ighid il-**Maino**: *"Perche' sussista la falsa testimonianza….. e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."*** (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess ighid l-Antolisei:
*"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria****."*(sottolinjar tal-Qorti).[259]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli l-Mamo: *"All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court."*

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha mens rea tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: *"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. …. Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."*

[259] Ibid.

L-istess ighid l-Antolisei:

"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica.*"

Il-Maino wkoll isostni:

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita….Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dale circostanze."*[260]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussiti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' jrid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Fuq dawl tal-gurispudenza enuncjata u mir-rizultanzi processwali li saret riferenza ampja ghalihom, il-Qorti tqis li fejn l-imputat ma kienx korrett f'xi aspett mix-xhieda moghtija minnu w fl-affidavit maghmul minnu, ma giex remotament pruvat li dan sehh b' intenzjoni doluza. Mill-bqija, l-provi kkorroboraw dak li kien stqarr l-imputat fil-kors tal-proceduri civili. Dan ifisser li ma tistax tinstab htija dwar it-tieni imputazzjoni.

<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>

Ghall-istess ragunijiet l-imputat qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni u cioe` dik ravvizata bl-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali.

[260] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'Amministrazione della Giustizia.

Decide

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali l-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**